Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B ►C2 **ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

tat-13 ta' Ġunju 2003

dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' l-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini ta' l-Arja Fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku ◄

(2003/507/KE)

(ĠU L 179, 17.7.2003, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Protokoll għall-konvenzjoni tal-1979 dwar tniġġis ta' arja ghaldistanzi twal transkonfinanti sabiex titnaqqas l-aċidizzazzjoni, etrofikazzjoni u ożonu terranju	L 179	3	17.7.2003

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 75, 19.3.2015, p. 20 (22003A0717(01))

►C2 Emendi, Ġ.U. L 135, 24.5.2017, p. 46 (2003/507/KE)

▼B

▼C2

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Ġunju 2003

dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' l-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini ta' l-Arja Fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku

▼B

(2003/507/KE)

Artikolu 1

▼C2

L-adeżjoni tal-Komunità mal-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' l-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfini ta' l-Arja Fuq Distanza Twila Sabiex Jitnaqqsu l-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku b'dan hija approvata f'isem il-Komunità.

▼B

It-test tal-Protokoll hu kkontenut fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b' dan hu mogħti s-setgħa jinnomina l-persuna(i) biex tiddeposita l-istrument ta' adeżjoni mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti skond l-Artikolu 16 tal-Protokoll.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnol *Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

▼M1

ANNESS

▼C1

PROTOKOLL GĦALL-KONVENZJONI TAL-1979 DWAR TNIĠĠIS TA' ARJA GĦAL DISTANZI TWAL TRANSKONFINI GĦAT-TNAQQIS TAL-AĊIDIFIKAZZJONI, L-EWTROFIKAZZJONI U L-FORMAZZJONI TAL-OŻONU TERRANJU

▼M1

IL-PARTIJIET,

DETERMINATI li jimplimentaw il-Konvenzjoni dwar Tniġġis ta' Arja għal Distanzi Twal Transkonfini,

BL-GHARFIEN li l-ossidi tan-nitroġenu, kubrit, taħlit organiku volatili u taħlit bin-nitroġenu ridott ġew assoċjati ma' effetti li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent,

KONĊERNATI li l-piżijiet kritiċi ta' l-aċidifikazzjoni, piżijiet kritiċi ta' nitroġenu nutrijent u l-livelli kritiċi ta' ożonu għas-saħħa umana u veġetazzjoni għadhom jinqabżu fdiversi żoni tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għar-reġjun ta' l-Ewropa,

KONĊERNATI WKOLL illi l-emissjoni ta' l-ossidi tan-nitroġenu, kubrit u taħlit organiku volatili, kif ukoll materji ta' tniġġis sekondarji bħall-ożonu u r-reazzjoni ta' prodotti ta' l-ammonja, huma trasportati fl-atmosfera għal distanzi twal ►C1 u jistgħu jkollhom effetti transkonfini avversivi, ◄

►C1 JAGĦRFU li l-emissjonijiet li joħorġu ◄ minn Partijiet li qegħdin fil-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għar-reġjun ta' l-Ewropa jikkontribwixxu għat-tniġġis fl-arja fuq skali emisferici u globali, u jagħrfu l-potenzal ta' trasport bejn il-kontinenti u l-bżonn ta' aktar studju fir-rigward ta' dan il-potenzal,

►C1 JAGĦRFU WKOLL li l-Kanada u ◄ l-Istati Uniti ta' l-Amerika qegħdin jinnegozjaw bilaterjalment tnaqqis fl-emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu u taħlit organiku volatili sabiex jindirizzaw l-effett ►C1 transkonfini ◄ tal-ożonu,

BARRA MINN DAN JGHARRFU li l-Kanada se tidħol għall-aktar tnaqqis fl-emissjonijiet ta' kubrit sal-2010 permezz ta' l-implimentazzjoni tal-Kanada-wide Acid Rain Strategy għal Wara l-2000, u illi l-Istati Uniti hija marbuta ma' l-implimentazzjoni ta' programm għat-tnaqqis tal-ossidi tan-nitroġenu fil-lvant ta' l-Istati Uniti u għat-tnaqqis fl-emissjonijiet neċessarji sabiex jilħqu l-livelli nazzjonali dwar il-kwalità ta' l-arja ambjentali għal materja magħmula minn partiċelli,

DEĊIŻI li japplikaw atteggjament multi-effettiv u multi-pollutant sabiex iżommu jew jimminimizzaw l-eċċess ta' piżijiet u livelli kritiċi,

JIEĦDU IN-KONSIDERAZZJONI l-emissjonijiet minn attivitajiet speċifiċi u stallazzjonijiet diga eżistenti li huma responsabbli għal-livelli odjerni ta' tniġġis ta' l-arja u għall-iżvilupp ta' attivitajiet u stallazzjonijiet futuri,

BL-GHARFIEN li l-metodi ta' teknika u prattiċi amministrattivi huma diġa disponibbli għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' dawn is-sustanzi,

DEĊIŻI li jieħdu miżuri sabiex jantiċipaw, jipprevenu u jimminimizzaw l-emissjonijiet ta' dawn is-sustanzi, jieħdu in-konsiderazzjoni l-applikazzjoni ta' l-atteggjament ta' prekawzjoni kif imwaqqaf taħt il-prinċipju 15 tad-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp,

JIKKONFERMAW illi l-Istati, in-konformita maċ-Charter tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-prinċipji tal-liġi internazzjonali, għandhom id-dritt sovran li jipprofittaw mir-riżorsi tagħhom skond il-politika tagħhom fuq l-ambjent u l-iżvilupp, u għandhom ir-responsabbilita li jassiguraw illi l-attivitajiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom jew taħt il-kontroll tagħhom ma jikkaġunawx danni fuq l-ambjent ta' Stati oħra jew f'żoni li ma jaqgħux fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dak il-pajjiż,

▼M1

KONXJI mill-bżonn ta' direzzjoni reġjonali kost-effettiv sabiex jiġġieldu t-tniġġis ta' l-arja, liema bżonn jieħu in-konsiderazzjoni d-differenzi fl-effetti u fit-tnaqqis tan-nefqa bejn il-pajjiżi,

JINNOTAW il-kontribuzzjoni importanti għall-informazzjoni mis-settur privat u mis-settur non-governattiv dwar l-effetti assoċjati ma' dawn is-sustanzi u r-rwol tagħhom fl-għajnuna għat-tnaqqis fl-emmissjonijiet fl-atmosfera,

IZOMMU F'MOĦĦOM illi l-miżuri mittieħda għat-tnaqqis fl-emissjoni ta' kubrit, ossidi ta' nitroġenu, ammonja u taħlit organiku volatili m'għandhomx ikunu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew mhux ġustifikabbli, jew iservu ta' restrizzjoni moħbija għall-kompetizzjoni u kummerċ internazzjonali,

FILWAQT ILLI JIEĦDU IN-KONSIDERAZZJONI l-aħjar informazzjoni u data xjentifika u teknika disponibbli li tittratta l-emissjonijiet, proċessi atmosferiċi u l-effetti ta' dawn is-sustanzi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, kif ukoll fuq it-tnaqqis fl-infieq, u filwaqt illi jammettu l-bżonn tiżdied din l-informazzjoni u li titkompla l-koperazzjoni xjentifika u teknika sabiex din il-materja tkun tista' tkun mifhuma,

JINNOTAW illi skond il-Protokoll dwar il-Kontroll ta' Emissjonijiet ta' Ossidi tan-Nitroġenu jew il-Flussi ►C1 Transkonfini ◄ tagħhom, addottata f'Sofija fil-31 ta' Ottubru, 1988, u l-Protokoll dwar il-Kontroll ta' Emissjonijiet ta' Taħlit Organiku Volatili u l-Flussi ►C1 Transkonfini ◄ Tagħhom adottata f'Ginevra fit-18 ta' Novembru, 1991, diġa hemm disposizzjonijiet li jikkontrollaw l-emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu, u tat-taħlit organiku volatili, u li l-Annessi tekniċi ta' dawn iż-żewg Protokolli diġa fihom gwida teknika għat-tnaqqis ta' dawn l-emissjonijiet,

JINNOTAW UKOLL illi skond il-Protokoll fuq Aktar Tnaqqis fl-Emissjoni ta' Kubrit, adottata f'Oslo fl-14 ta' Ġunju, 1994, diġa hemm disposizzjonijiet li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' kubrit sabiex jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' deposizzjoni ta' aċidu bit-tnaqqis fl-eċċessi tad-deposizzjonijiet ta' kubrit kritiku, li jkun ħareġ minn livelli kritiċi ta' aċidita skond il-kontribuzzjoni ta' *compounds* ta' kubrit ossidifikat għat-total ta' deposizzjoni ta' aċidu fl-1990.

BARRA MINNHEKK JINNOTAW illi dan il-Protokoll huwa l-ewwel ftehim taħt il-Konvenzjoni li jittratta speċifikament *il-compounds* ta' nitratt ridott,

IŻOMMU F'MOĦĦOM illi t-tnaqqis ta' l-emmisjonijiet ta' dawn is-sustanzi jista' jkun ta' benefiċċju addizzjonali fil-kontroll ta' materji ta' tniġġis oħra, partikolarment aerosols sekondarji speċifiċi li huma ►C1 transkonfini ◄ u li jikkontribwixxu għall-effetti fuq is-saħħa umana assoċjati ma' partiċelli fl-arja,

IŻOMMU F'MOĦĦOM UKOLL il-ħtieġa li jevitaw kemm jista' jkun it-teħid ta' miżuri sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan il-Protokoll li jaggravaw problemi oħra relatati ma' saħħa u ambjent,

JINNOTAW illi l-miżuri meħuda sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu u ammonja, għandhom jinvolvu konsiderazzjonijiet taċ-ċiklu totali tan-nitroġenu bioġeokemikali u kemm jista' jkun possibbli, ma' jżidux l-emissjonijiet ta' nitroġenu, inkluż ossidu tan-nitrat li jistgħu jaggravaw problemi oħra relattati man-nitroġenu,

BL-GHARFIEN li l-metanu u l-carbon monoxide li joħorġu minn attivitajiet umani jikkontribwixxu, fil-preżenza ta' ossidi ta' nitroġenu u taħlit organiku volatili, għall-formazzjoni ta' ożonu troposferiku, u

BL-GHARFIEN UKOLL tal-wegħda li l-Partijiet assumew taħt l-abbozz tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil

fil-Klima,

▼M1

FTEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

għall-finijiet ta' dan il-Protokoll,

1. “Konvenzjoni” tfisser il-Konvenzjoni dwar Tniġġis ta' l-Arja ghal Distanzi Twal ►C1 Transkonfini, ◄ adottata fGinevra fit-13 ta' Novembru 1979;

2. “EMEP” tfisser il-Programm Koperattiv għal Monitoring u Evalwazzjoni tat-Transmissjoni għal Distanzi Twal ta' Materji ta' Tniġġis fl-Arja fl-Ewropa;

3. “Korp Eżekuttiv” ifisser l-Korp Eżekuttiv għall-Konvenzjoni kif konstitwita taħt l-Artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni;

4. “Kummissjoni” tfisser il-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa;

5. “Partijiet” tfisser kemm-il darba il-kuntest ma jipprovdix dif-ferenti, il-Partijiet ta' dan il-Protokoll;

6. “L-iskop ġeografiku ta' l-EMEP” tfisser iż-żona kif imfissra fl-Artikolu 1(4) tal-Protokoll għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis ta' l-Arja għal Distanzi Twal ►C1 Transkonfini ◄ fuq il-Finanzjarjament Fit-Tul tal-Programm ta' koperazzjoni fuq l-Kontroll u Evalwazzjoni ta' Trasmissjoni għal Distanzi Twal ta' Materji ta' Tniġġis fl-Ajru fl-Ewropa (EMEP), addot-tata fGinevra fit-28 ta' Settembru 1984;

7. “Emissjoni” tfisser il-ħruġ ta' sustanza minn punt jew post imxerred fl-atmosfera;

8. “Ossidi tan-Nitroġenu” tfisser nitric oxide u dijossidu tan-nitrat, magħruf bħala diossidu tan-nitrat (NO_2);

9. “*Compounds* b'nitroġenu mnaqqas” tfisser ammonja u l-prodotti tar-reazzjoni magħha;

10. “Kubrit” tfisser *il-compounds* tal-kubrit kollha, magħrufa bħala diossidju tal-kubrit (So_2);

11. “Taħlit organiku volatili”, jew “VOCs”, ifisser, kemm-il darba m'huwiex speċifikat b'mod differenti, kull taħlit organiku ta' natura antropoġenika, barra l-metanu, li huwa kapaċi li jip-produċi oxidants fotokemikali billi jirreaġixxi ma' l-ossidi tan-nitroġenu fil-preżenza tad-dawl tax-xemx;

12. “Piż Kritiku” tfisser estimu kwantitattiv ta' esposizzjoni ta' wieħed jew aktar materji ta' tniġġis taħt liema estimu ma jkuns hemm effetti sinifikattivi ta' danni fuq elementi speċi-fiċi sensittivi tal-Ambjent, skond l-informazzjoni kurrenti;

13. “Livelli kritiċi” tfisser konċentrazzjoni ta' materji ta' tniggis fl-atmosfera l fuq minn xhiex jista' jkun hemm effetti diretti m'humiex mixtieqa fuq min jirċevihom bhal umani, pjanti, ekosistemi u materjali, skond l-informazzjoni kurrenti;

14. “Żona ta' amministrazzjoni ta' emissjoni ta' materji ta' tniġ-ġis”, jew “PEMA”, tfisser żona nominata fl-Anness III taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(9);

▼M1

15. “Eghjun stazzjonarju” tfisser bini fiss, strutturi, faċilita, stal-lazzjoni jew makkinarju li minnhom joħrog jew jista' joħroġ, direttament jew indirettament kubrit, ossidi tan-nitroġenu, taħlit organiku volatili jew ammonja fl-atmosfera;

16. “Egħjun Stazzjonarju ġdid” tfisser kull egħjun stazzjonarju li l-kostruzzjoni tiegħu jew il-modifikazzjonijiet sostanzjali li saru fuqu jibda sena wara d-data li jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll. Id-deċiżjoni jekk modifika għandhiex titqies bħala waħda sostanzjali jew le, se titħalla fidejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li se jieħdu in-konsiderazzjoni fatturi bħal il-benefiċċji ambjentali tal-modifikazzjoni.

Artikolu 2

Għan

►C2 L-għan ta' dan il-Protokoll huwa l-kontroll u t-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, ammonja u taħlit organiku volatili li huma kawżati minn attivitajiet antropoġeniċi u li x'aktarx jikkawżaw effetti mhux mixtieqa fuq is-saħħa umana, ekosistemi naturali, materjali u wċuħ tar-raba, dovut għall-aċidifikazzjoni, ewtrofikazzjoni jew ożonu troposferiku bħala riżultat ta' ◄ trasport fl-atmosfera ►C1 transkonfini ◄ fit-tul, u li jassi-guraw, kemm jista' jkun, illi fit-tul u b'atteggjament pass wara pass, u wara li jieħdu in-konsiderazzjoni avanzi fl-informazzjoni xjentifika, deposizzjonijiet u konċentrazzjonijiet atmosferiċi, ma jaqbżux:

(a) għall-Partijiet li qegħdin fiż-żona ġeografika tal-EMEP u l-Kanada, il-piżijiet kritiċi ta' l-aċidita kif deskritt fl-ANNESS I;

(b) għall-Partijiet li qegħdin fiż-żona ġeografika tal-EMEP, il-piżijiet kritiċi tan-nitroġenu nutrijenti, kif deskritti fl-ANNESS I;

(ċ) ghall-ożonu:

(i) għall-Partijiet li qegħdin fiż-żona ġeografika tal-EMEP, il-livelli kritiċi ta' l-ożonu, skond l-Anness I;

(ii) ghall-Kanada, il-Kanada-wide standard għall-ożonu;

(iii) għall-Istati Uniti ta' l-Amerika, l-Livell tal-Kwalità ta' l-Arja Ambjentali Nazzjonali għall-Ożonu.

Artikolu 3

Obbligazzjonijiet Bażiċi

1. Kull Parti li għandha limiti ta' emissjoni fi kwalunkwe tabella ta' l-ANNESS II għandha tnaqqas u tmantni dan it-tnaqqis ta' emissjoni annwali tagħha skond il-limitu u *timescales* speċifikati fl-Anness. Kull Parti għandha, mill-inqas, tikkontrolla l-emissjonijiet annwali tagħha ta' *compounds* ta' tniġġis skond l-obbligi fl-ANNESS II.

2. Kull Parti għandha tapplika dawk il-valuri ta' limitu speċifikati fl-Annessi IV,V u VI għal kull egħjun stazzjonarju ġdid imniżżel f'dawk l-Annessi bħala kategoriji ta' egħjun stazzjonarji, mhux aktar tard minn dawk *it-timescales* speċifikati fl-Anness VII. Bħala alternattiva, Parti tista' tapplika strateġiji differenti ta' tnaqqis fl-emissjonijiet li jottjenu l-ekwivalenti għal-livelli kumplessivi ta' emissjoni ta' l-egħjun tal-kategoriji kollha flimkien.

▼M1

3. Kull Parti għandha, safejn huwa teknikament u ekonomika-ment possibbli u wara li tieħu in- konsiderazzjoni l-ispejjeż u l-vantaġġi, tapplika l-valuri ta' limiti speċifikati f'dawk l-Annessi, mhux aktar tard mit-*timescales* speċifikati fl-Annessi IV, V u VI għal kull egħjun stazzjonarju eżistenti f'kategorija ta' egħjun stazzjonarji kif identifikati f'dawk l-Annessi, mhux aktar tard mit-*timescales* speċifikati fl-Anness VII. Bħala alternattiva, Parti tista' tapplika strateġiji differenti ta' tnaqqis fl-emissjonijiet, liema strateġiji jottjenu l-ekwivalenti tal-livelli kumplessivi ta' emissjoni ta' l-egħjun ta' kategoriji kollha flimkien jew, għal Partijiet barra l-iskop ġeografiku tal-EMEP, li huma neċessarji sabiex jottjenu miri nazzjonali jew reġjonali għat-tnaqqis fl-aċidifikazzjoni u sabiex jintlaħqu l-istandards nazzjonali tal-kwalità ta' l-arja.

4. Valuri ta' limiti għal bojlers u *process heaters* ġodda jew diġa eżistenti li għandhom input termali stabbilit li jaqbeż il-50 MWth u vetturi *heavy-duty* ġodda se jkunu evalwati mill-Partijiet f'sessjoni tal-Korp Eżekkuttiv bil-għan illi jemendaw l-Annessi IV, V u VIII mhux aktar tard minn sentejn mid-data li jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll.

5. Kull Parti għandha tapplika l-valuri ta' limiti għall-karburanti u egħjun mobbli ġodda kif identifikati fl-Anness VIII, mhux aktar tard mit-*timescales* speċifikati fl-Anness VII.

6. Filwaqt illi tieħu in-konsiderazzjoni d-dokumenti ta' gwida mill-I sal-V adottati mill-Korp Eżekuttiv fis-sbatax-il sessjoni (Deċiżjoni 1999/1) u kull emenda tagħha, kull Parti għandha tap-plika l-aħjar metodi ta' teknika disponibbli fuq l-egħjun mobbli u għal kull ejgħun stazzjonarju ġdid jew diġa eżistenti,

7. Kull Parti għandha tieħu miżuri xierqa ibbażati, inter alia, fuq kriterji xjentifiċi u ekonomiċi sabiex tnaqqas l-emissjonijiet ta' taħ-lit organiku volatili assoċjati mal-użu tal-Prodotti mhux inklużi fl-Anness VI jew VIII. Kull Parti għandha, mhux akatar tard mit-tieni sessjoni tal-Korp Eżekuttiv wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, tikkunsidra bil-għan illi taddotta anness dwar prodotti, inklużi kriterji għas-selezzjoni ta' dawn il-Prodotti, valuri ta' limitu fuq taħlit organiku volatili li huma kontenut ta' Prodotti m'humiex inklużi fl-Anness VI jew VIII, kif ukoll *timescales* għall-applikazzjoni tal-valuri ta' limitu.

8. Kull Parti għandha, bla ħsara għall-paragrafu (10):

(a) tapplika, bħala minimu, l-miżuri ta' kontroll ta' l-ammonja speċifikati fl-Anness IX;

(b) tapplika, fejn tikkonsidra li hemm bżonn, l-aħjar teknika disponibbli sabiex tieħu prekawzjoni u tnaqqas l-emissjonijiet ta' ammonja, kif imniżżla fid-dokument ta' gwida V adottata mill-Korp Eżekkuttiv fis-sbatax-il sessjoni (Deċiżjoni 1999/1) u kull emenda tagħha.

9. Paragrafu (10) għandhu japplika għal kull Parti:

(a) li għandha l-mezza ta' art tagħha akbar minn 2 miljuni kilometri kwadri;

(b) li l-emissjonijiet annwali tagħhom ta' kubrit, ossidi ta' nitroġenu, ammonja u/jew taħlit organiku volatili jikkontribwixxu għall-aċidifikazzjoni, ►C1 ewtrofikazzjoni ◄ u formazzjoni ta' ożonu f'postijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' wieħed jew aktar mill-Partijiet, joriġinaw l-aktar f'żona li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom kif imniżżel bħala PEMA fl-Anness III, u li preżentaw f'dan is-sens dokumentazzjoni skond paragrafu (ċ);

▼M1

(ċ) li sottomettew mall-firma, ratifikazzjoni, aċċettazzjoni jew adeżjoni, għal dan il-Protokoll, deskrizzjoni ta' l-iskop ġeogra-fiku ta' wieħed jew aktar PEMAs għal wieħed jew aktar materji ta' tniġġis, b'dokumenti ta' sostenn, sabiex jiġi inkluż ma' l-Anness III;

(d) li speċifikaw mall-firma, ratifika, aċċettazzjoni, jew adeżjoni ta' dan il-Protokoll, l-intenzjoni tagħhom li jżommu ma' dan il-paragrafu.

10. Parti li għaliha japplika dan il-paragrafu għandha:

(a) jekk tinsab fl-iskop ġeografiku tal-EMEP, tkun rikjesta li timxi mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u l-Anness II jekk limitatament għall-PEMA rilevanti ta' kull materja ta' tniġġis li għaliha hemm PEMA fil-ġurisdisdizzjoni tagħha inkluża fl-Anness III; jew

(b) jekk mhux fl-iskop ġeografiku tal-EMEP, huwa rikjest li timxi mad-disposizzjonijiet tal-paragrafi (1), (2), (3), (5), (6) u (7) u l-Anness II, limitatament biss għall-PEMA rilevanti għal kull materja ta' tniġġis (ossidi tan-nitroġenu, kubrit u/jew taħlit organiku volatili) li għaliha hemm PEMA fil-ġurisdisdizzjoni tagħha inkluża fl-Anness III, u li għaliha m'hemmx għalfejn timxi mall-paragrafu (8) kull fejn hija għandha l-ġurisdizzjoni.

11. Il-Kanada u l-Istati Uniti ta' l-Amerika għandhom, mar-ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni tagħhom, jew ma' l-adeżjoni ta' dan il-Protokoll, jagħtu lill-Korp Eżekuttiv ir-rabta rispettiva tagħhom għat-tnaqqis fl-emissjoni tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, u taħlit organiku volatili sabiex jiġu inkorporati awto-matikament fl-Anness II.

12. Il-Partijiet għandhom, soġġett għar-riżultat tal-ewwel reviżjoni hekk kif provdut fl-Artikolu 10(2), u mhux aktar tard minn sena mit-tlestija ta' dik ir-reviżjoni, jibdew jinnegozjaw aktar obbligi sabiex inaqqsu l-emissjonijiet.

Artikolu 4

Skambju ta' informazzjoni u teknoloġija

1. Kull Parti għandha, skond il-liġijiet, regolamenti u prattiċi tagħha, u skond dan il-Protokoll, tohloq kondizzjonijiet favorevoli sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, teknoloġija u metodi ta' teknika, bil-għan illi jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' kubrit, ossidi tan-nitroġenu, ammonja u taħlit organiku volatili billi tirreklama inter alia:

1. l-iżvilupp u l-aġġornament ta' databases fuq l-aħjar metodi ta' teknika disponibbli, inkluż dawk illi jkabbru l-effiċjenza fl-enerġija, burners b'emissjonijiet baxxi u prattiċi tajbin fl-agrikoltura;

2. l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi fl-iżvilupp ta' sistemi ta' trasport li jinvolvu anqas tniġġis;

3. kuntatti industrijali u koperazzjoni diretta, inkluzi joint ventures;

▼M1

4. id-disposizzjoni ta' assistenza teknika.

2. Fir-reklamar ta' l-attivitajiet speċifikati fil-paragrafu (1), kull Parti għandha tohloq kondizzjonijiet favorevoli għall-faċilita ta' kuntatti u koperazzjoni bejn organizzazzjonijiet intiżi u individwi fis-settur privat u pubbliku li huma kapaċi jipprovdu teknoloġija, disinn u servizzi ta' inġinerija, makkinarju u finanzi.

Artikolu 5

Tagħrif għall-pubbliku

1. Kull Parti għandha, b'manjiera skond il-liġijiet, regolamenti u prattiċi tagħha, tirreklama l-provediment ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali, inkluż informazzjoni dwar:

(a) emissjonijiet annwali nazzjonali ta' kubrit, ossidi tan-nitroġenu, ammonja u taħlit organiku volatili u l-progress lejn konformita mal-limiti nazzjonali dwar l-emissjonijiet jew obbligi oħra applikabbli taħt l-Artikolu 3;

(b) deposizzjonijiet u konċentrazzjonijiet ta' materji ta' tniġġis rilevanti u, fejn hu applikabbli, dawk id-deposizzjonijiet u konċentrazzjonijiet in-konnessjoni ma' piżijiet u livelli kritiċi applikabbli taħt l-Artikolu 2;

(ċ) livelli ta' ożonu troposferiċi;

(d) strateġiji u miżuri li huma applikati jew li għandhom ikunu applikati sabiex jitnaqqsu l-problemi tat-tniġġis ta' l-arja li qegħdin jiġu kunsidrati taħt dan il-Protokoll kif stabbiliti fl-Artikolu 6.

2. Barra minn hekk, kull Parti tista' tagħmel l-informazzjoni dis-ponibbli għall-pubbliku bil-għan illi l-emissjonijiet ikunu mini-mizzati, inkluża informazzjoni fuq:

(a) inqas karburanti li jniġġsu, enerġija renovabbli u effiċjenza fl-enerġija, inkluż l-użu tagħhom fit-Trasport;

(b) taħlit organiku volatili fi prodotti, inkluż it-tikkettjar;

(ċ) għażla fil-kontroll ta' skart li jkollha fiha taħlit organiku volatili ġenerat mill-pubbliku;

(d) prattiċi agrikoli tajbin li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' l-ammonja;

(e) effetti fuq is-saħħa u ambjent assoċjati ma' materji ta' tniġġis koperti b'dan il-Protokoll;

(f) passi li jistgħu jiġu meħuda minn individwi u mill-industrija sabiex inaqqsu l-materji ta' tniġġis li huma koperti b'dan il-Protokoll.

▼M1

Artikolu 6

Strateġiji, politika, programmi, miżuri u informazzjoni

1. Kull Parti għandha, hekk kif tħoss il-ħtieġa, u a-bażi ta' kriterji xjentifiċi u ekonomiċi sodi, sabiex tgħin l-implimentazzjoni ta' l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 3:

(a) taddotta strateġiji, politika u programmi ta' sostenn mingħajr dewmien żejjed wara li jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll għaliha;

(b) tapplika miżuri sabiex tikkontrolla l-emissjonijiet ta' kubrit, ossidi ta' nitroġenu u taħlit organiku volatili;

(ċ) tapplika miżuri li jinkoraġġixxu ż-żieda fl-effiċjenza ta' l-enerġija u l-użu ta' l-enerġija rinovabbli;

(d) tapplika miżuri sabiex tnaqqas l-użu ta' karburanti li jniġġsu;

(e) tiżviluppa u tintroduċi sistemi ta' kontroll ta' trasport sabiex tnaqqas l-emissjonijiet kumplessivi mit-traffiku tat-triq;

(f) tapplika miżuri li jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' proċessi u prodotti b'livelli baxxi ta' tniġġis, filwaqt illi tieħu kont tad-dokumenti ta' gwida minn I sa V adottati mill-Korp Eżekuttiv fis-sbatax-il sessjoni tagħha (Deċiżjoni 1999/1) u kwalunkwe amenda għalihom;

(g) tinkoraġġixxi l-implimentazzjoni ta' programmi ta' kontroll għal tnaqqis ta' emissjonijiet, inklużi programmi volontarji, u l-użu ta' strumenti ekonomiċi, filwaqt li tieħu kont tad-dokumenti ta' gwida VI adottata mill-Korp Eżekuttiv fis-sbatax-il sessjoni tagħha (Deċiżjoni 1999/1) u kwalunkwe emenda għalihom;

(h) timplimenta u telabora aktar il-politika u l-miżuri skond iċ-ċirkostanzi nazzjonali, bħal tnaqqis progressiv u eliminar ta' imperfezzjonijiet fis-suq, inċentivi fiskali, eżenzjonijiet fit-taxxa u bolli u sussidju fkull settur li minnu joħroġ kubrit, ossidi tan-nitroġenu, ammonja u taħlit organiku volatili li jmur kontra l-oġġettivi tal-Protokoll, u tapplika strumenti tas-suq;

(i) tapplika miżuri, fejn effettivi fin-nefqa, sabiex tnaqqas il-prodotti ta' skart li jikkontjenu taħlit organiku volatili.

2. Kull Parti għandha tiġbor u tmantni informazzjoni dwar:

(a) il-livelli attwali ta' l-emissjonijiet ta' kubrit, ossidi tan-nitroġenu u taħlit organiku volatili, u ta' konċentrazzjonijiet ambjentali u deposizzjonijiet ta' dawn it-taħlit u ożonu, wara li jittieħed in- konsiderazzjoni il-pjan ta' xogħol tal-EMEP għal dawk il-Partijiet illi jaqgħu taħt l-iskop geografiku ta' l-EMEP;

(b) l-effett ta' konċentrazzjonijiet ambjentali u tad-deposizzjoni ta' kubrit, taħlit ta' nitroġenu, taħlit organiku volatili u ożonu fuq is-saħħa umana, ekosistemi terrestri u akwatiċi u materjali.

3. Kull Parti tista' tieħu miżuri aktar drastiċi minn dawk rikjesti minn dan il-Protokoll.

▼**M1**

Artikolu 7

Rappurtaġġ

1. Skond il-liġijiet u regolamenti tiegħu u skond l-obbligazzjonijiet taħt dan il-Protokoll:

(a) Kull Parti għandha tirrapporta, hlief fil-kaz tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri mit-tieħda minnha lill-Korp Eżekuttiv, sabiex iġġib fis-seħħ dan il-Protokoll. Barra minn hekk:

(i) fejn Parti tapplika strateġiji differenti ta' tnaqqis fl-emissjoni taħt l-Artikolu 3(2) u (3), hija għandha tiddokumenta l-istrateġiji li ġew applikati u l- konformità tar-rekwiżiti ta' dawk il-paragrafi;

(ii) fejn Parti tiġġudika li ċerti valuri ta' limitu, kif speċifikati fl-Artikolu 3(3), m'humiex teknikament u ekonomikament vjabbli, wara li tieħu in-kunsiderazzjoni l-ispejjeż u vantaġġi, hija għandha tirrapporta u tiġġustifika dan;

(b) kull Parti fl-iskop ġeografiku ta' l-EMEP għandha tirrapporta l-informazzjoni li ġejja, hlief fil-kaz tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni lill-EMEP, fuq bażi perjodika li għandha tiġi deċiża mill-Korp ta' Tmexxija tal-EMEP u approvata mill-Partijiet f'sessjoni tal-Korp Eżekuttiv:

(i) livelli ta' emissjonijiet ta' kubrit, ossidi tan-nitroġenu, ammonja u taħlit organiku volatili li jużaw, bħala minimu, l-metodoloġiji u r-riżoluzzjonijiet temporali u spazjali speċifikati mill-Kumitat ta' Tmexxija tal-EMEP;

(ii) livelli ta' emissjonijiet ta' kull sustanza li hemm fis-sena ta' riferenza (1990) billi jintużaw l-istess metodoloġiji u riżoluzzjonijiet temporali u spazjali;

(iii) informazzjoni fuq emissjonijiet proġettati u pjanijiet ta' tnaqqis kurrenti;

(iv) fejn meqjus xieraq, kull ċirkostanza eċċezzjonali li tiġġustifika emissjonijiet li huma temporanjament aktar għolja mil-limiti stabbiliti għal materja ta' tniġġis wieħed jew aktar;

(ċ) partijiet li qegħdin f'żoni barra l-iskop ġeografiku ta' l-EMEP għandhom jagħmlu disponibbli informazzjoni simili għal dik speċifikata f'sub-paragrafu (b), jekk ikunu mitluba jagħmlu dan mill-Korp Eżekuttiv.

2. L-informazzjoni li trid tiġi rappurtata skond paragrafu (1)(a) għandha tkun konformi ma' deċiżjoni dwar il-format u l-kontenut tagħha kif se tiġi adottata mill-Partijiet fsessjoni tal-Korp Eżekkutiv. It-termini ta' din id-deċiżjoni għandhom ikunu riveduti kif meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati elementi addizzjonali dwar il-format u l-kontenut ta' l-informazzjoni li għandhom ikunu inklużi mar-rapport.

▼M1

3. Fi żmien tajjeb qabel kull sessjoni annwali tal-Korp Eżekuttiv, l-EMEP għandha tipprovdi informazzjoni dwar:

(a) konċentrazzjonijiet u deposizzjonijiet ambjentali ta' kubrit u taħlit ta' nitroġenu kif ukoll, fejn huwa l-każ, konċentrazzjonijiet ta' taħlit organiku volatili u ożonu;

(b) kalkulazzjonijiet ta' budgets ta' kubrit u nitroġenu ossidat u nitroġenu mnaqqas u informazzjoni relevanti dwar it-trasport fit-tul ta' ożonu u l-prekursur tiegħu.

Partijiet f'żoni barra l-iskop ġeografiku tal-EMEP għandhom jagħmlu disponibbli informazzjoni simili jekk ikunu mitluba jagħmlu dan mill-Korp Eżekuttiv.

4. Il-Korp Eżekuttiv għandu, skond l-Artikolu 10(2)(b), tal-Konvenzjoni, jirranġa għall-preparazzjoni ta' informazzjoni dwar l-effetti tad-deposizzjonijiet ta' kubrit u taħlit ta' nitroġenu u konċentrazzjonijiet ta' ożonu.

5. Il-Partijiet għandhom, fis-sessjonijiet tal-Korp Eżekuttiv, f'intervalli regolari, jirranġaw għall-preparazzjoni ta' informazzjoni riveduta dwar allokazzjonijiet ottimizzati fuq livell internazzjonali ta' tnaqqis ta' emissjoni għall-dawk l-Istati li jaqgħu taħt l-iskop ġeografiku tal-EMEP, billi jużaw mudelli ta' stejjem alternattivi, inkluż il-mudell ta' trasport atmosferiku, bil-għan li jnaqqsu aktar, għall-finijiet tal-Artikolu 3(1), id-differenza bejn id-deposizzjonijiet attwali tal-kubrit u taħlit ta' nitroġenu u valuri tal-piżijiet kritiċi kif ukoll id-differenza bejn il-konċentrazzjoni ta' ożonu attwali u l-livelli kritiċi tal-ożonu kif speċifikat fl-Anness I, jew metodi ta' stejjem alternattivi kif appro-vati mill-Partijiet fsessjoni tal-Korp Eżekuttiv.

Artikolu 8

Riċerka, żvilupp u kontroll

Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu riċerka, żvilupp, kontroll u koperazzjoni relattati ma':

(a) l-armonizzazzjoni internazzjonali tal-metodi ta' kalkulazzjoni u stejjem ta' effetti avversivi assoċjati ma' sustanzi indirizzati f'dan il-Porotokoll biex jintużaw sabiex jistabbilixxu piżijiet kritiċi u livelli kritiċi u, kif meħtieġ, jelaboraw il-proċeduri għal din l-armonizzazzjoni;

(b) it-titjib tad-databases ta' emissjoni, partikolarment dawk li jit-trattaw ammonja u taħlit volatili organiku;

(ċ) it-titjib fil-metodi ta' teknika tal-kontroll, sistemi u mudellar ta' trasport, konċentrazzjonijiet u deposizzjonijiet ta' kubrit, taħlit ta' nitroġenu u taħlit organiku volatili, kif ukoll il-formazzjoni ta' ożonu u materja sekondarja magħmula minn partiċelli;

(d) it-titjib ta' l-informazzjoni xjentifika ta l-emissjonijiet li huma destinati għal tul ta' żmien u l-impatt tagħhom fuq il-konċentrazzjonijiet fl-isfondi emisferiċi tal-kubrit, nitroġenu, u taħlit organiku volatili, ożonu u materja partiċellari, b'attenzjoni partikolari, fuq il-kimika tat-trotosferu ħieles u l-potenzal tal-fluss interkontinentali tal-materji ta' tniġġis;

(e) l-elaborazzjoni akbar ta' strateġija kumplessiva sabiex jit-naqqsu l-effetti avversivi ta' l-aċidifikazzjoni, ►C1 ewtrofikazzjoni ◄ u tniġġis kotokemikali, inkluż sinergiji u effetti kombinati;

▼M1

(f) strategiji għal aktar tnaqqis fl-emissjonijiet ta' kubrit, ossidi tan-nitroġenu, ammonja u taħlit organiku volatili bażati fuq piżijiet kritiċi u livelli kritiċi kif ukoll fuq żvilupp teknoloġiku, u t-titjib fil-mudell ta' l-evalwazzjoni integrata sabiex jiġu kal-kolati fuq livell internazzjonali ż-żoni ottimi ta' tnaqqis ta' emissjoni, wara li tittieħed in-konsiderazzjoni l-bżonn ta' tnaqqis fin-nefqa eċċessiva ta' kull Parti. Enfasi speċjali għandha tingħata lill-emissjonijiet ta' l-agrikoltura u trasport;

(g) l-identifikazzjoni tat-tendenzi minn żmien għal żmien u l-informazzjoni xjentifika dwar l-effetti fil-wisgħa tal-kubrit, nitroġenu, u taħlit organiku volatili u tat-tniġġis fotokemikali fuq is-saħħa umana, inkluż il-kontribuzzjoni tagħhom fuq il-konċentrazzjonijiet ta' materja partiċellari, l-ambjent, partikolarment l-aċidifikazzjoni u ►C1 l-ewtrofikazzjoni, ◄ u materjali, speċjalment monumenti storiċi u kulturali, wara li tittieħed in-konsiderazzjoni r-relazzjoni bejn l-ossidi ta' kubrit, ossidi tan-nitroġenu, ammonja u taħlit organiku volatili u ożonu troposferiku;

(h) teknoloġiji ta' tnaqqis ta' emissjoni, u teknoloġiji u metodi ta' teknika li jirranġaw l-effiċjenza ta' l-enerġija, konservazzjoni ta' enerġija u l-użu ta' enerġija rinovabbli;

(i) l-effiċjenza ta' metodi ta' teknika li jikkontrollaw l-ammonja fl-irziezet u l-impatt tagħhom fuq id-deposizzjoni lokali u reġjonali;

(j) l-amministrazzjoni tat-talba għal trasport u l-iżvilupp u l-promozzjoni ta' modi ta' trasport b'anqas tniġġis;

(k) il-kwantifikazzjoni u fejn hu possibbli, l-evalwazzjoni ekono-mika tal-benefiċċji għall-ambjent u s-saħħa umana bħala riżul-tat tat-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, ammonja u taħlit organiku volatili;

(l) l-iżvilupp ta' għodda li jagħmlu applikabbli u disponibbli fil-miftuħ metodi u riżultati ta' dan ix-xogħol.

Artikolu 9

Konformità

Konformità minn kull Parti ma' l-obbligazzjonijiet tagħha skond dan il-Protokoll għandha tkun riveduta regolarment. Il-Kumitat ta' Implimentazzjoni stabbilit b'Deċiżjoni numru 1997/2 tal-Korp Eżekuttiv fil-ħmistax-il sessjoni tiegħu għandu jwettaq dawk ir-reviżjonijiet u rapporti lill-Partijiet fsessjoni tal-Korp Eżekuttiv skond it-termini ta' l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni, inkluż kwalunkwe emenda għalihom.

Artikolu 10

Reviżjoni mill-Partijiet f'sessjonijiet tal-Korp Eżekuttiv

1. Il-Partijiet għandhom, fsessjonijiet tal-Korp Eżekuttiv, skond l-artikolu 10(2)(a), tal-Konvenzjoni, jirrevedu l-informazzjoni mgħoddija mill-Partijiet, EMEP u korpi sussidjarji tal-Korp Eżekuttiv, l-informazzjoni dwar l-effetti tal-konċentrazzjonijiet u deposizzjonijiet tal-kubrit u taħlit ta' nitroġenu u tat-tniġġis fotokemikali kif ukoll ir-rapporti tal-Kumitat ta' l-Implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 9.

▼M1

2. (a) Il-Partijiet għandhom, f'sessjonijiet tal-Korp Eżekuttiv, iżommu taħt reviżjoni, l-obbligi kif imwaqqfa taħt dan il-Protokoll, inkluż:

(i) l-obbligi tagħhom vis-a-vis tnaqqis ottimizzat fuq livell internazzjonali tat-tniġġis imsemmija fl-Artikolu 7(5);

(ii) l-effettivita ta' l-obbligi u l-progress li sar sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan il-Protokoll;

(b) Ir-reviżjonijiet għandhom jikkunsidraw l-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli dwar l-effetti ta' l-aċidifikazzjoni, ►C1 ewtrofikazzjoni ◄ u tniġġis fotokemikali, inkluż stimi tal-effetti kollha rilevanti, livelli u piżijiet ktiriċi, l-iżvilupp u l-irfinar tal-mudelli ta' stimi integrati, żviluppi teknoloġiċi, kondizzjonijiet ekonomiċi li jinbidlu, progressi magħmula fuq id-databases dwar l-emissjonijiet u metodi ta' teknika ta' tnaqqis, speċjalment dawk relatati ma' l-ammonja u taħlit organiku volatili, u l-milja ta l-obbligazzjonijiet dwar il-livelli ta' emissjoni;

(ċ) Il-proċeduri, metodu u l-ħinjiet għal dawn ir-reviżjonijiet għandhom ikunu speċifikati mill-Partijiet fsessjoni tal-Korp Eżekuttiv. L-ewwel reviżjoni ta' dan it-tip għandha tibda mhux aktar tard minn sena wara li jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll.

Artikolu 11

Rikonċiljazzjoni f'każ ta' kwistjonijiet

1. Il-partijiet konċernati għandhom ifittxu li jaslu għall-ftehim billi jinnegozjaw bejniethom jew billi jagħmlu użu ta' mezzi paċifiċi skond l-għażla tagħhom. Il-Partijiet fit-tilwima għandhom jinfurmaw lill-Korp Eżekuttiv bit-tilwima tagħhom.

2. Meta jkunu qegħdin jirratifikaw, jaċċettaw u japprovaw dan il-Protokoll, jew inkella fi kwalunkwe ħin wara dan il-Protokoll, Parti illi m'hiex organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali tista' tiddikjara permezz ta' strument tal-kitba sottomess lid-Depositarju illi, rigward it-tilwima dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Protokoll, hija tirrikonoxxi wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin bħala mezzi ta' rikonċiljazzjoni ipso facto ta' bilfors u mingħajr ftehim speċjali, fil-konfront ta' kwalunkwe Parti li taċċetta l-istess obbligazzjonijiet:

(a) sottomissjoni ta' tilwima lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja;

(b) arbitraġġ skond il-proċeduri li għandhom jiġu addottati mill-Partijiet fsessjoni tal-Korp Eżekuttiv, malajr kemm jista' jkun, f'L-Anness dwar arbitraġġ.

Parti i hija organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali tista' tagħmel dikjarazzjoni b'effett simili rigward l-arbitraġġ skond il-proċeduri li huma mniżżla f'(b).

3. Dikjarazzjoni magħmula skond il-paragrafu (2) għandha tibqa' valida sakemm tispiċċa l-effett tagħha skond it-termini tagħha jew sa tlett xhur wara n-notifika bil-miktub tar-rivokazzjoni tagħha tkun ġiet depożitata mad-Depositarju.

▼M1

4. Dikjarazzjoni ġdida, notifika ta' revoka jew l-iskadenza tad-dikjarazzjoni ma tista' bl-ebda mod taffettwa l-proċedimenti li jkun hemm pendenti quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja jew quddiem it-tribunal ta'l-arbitraġġ, sakemm il-partijiet fit-tilwima ma jiddeċidux mod differenti.

5. B'eċċezzjoni f'każ li partijiet fit-tilwima jkunu aċċettaw l-istess mezzi ta' rikonċiljazzjoni tat-tilwima skond il-paragrafu (2), jekk wara tnax-il xahar minn wara n-notifika minn Parti lill-oħra, illi teżisti tilwima bejniethom, il-partijiet ikkonċernati jkunu għad ma wasslux għall-ftehim permezz tal-mezzi msemmija fil-paragrafu (1), it-tilwima għandha tiġi sottomessa, fuq rikjesta ta' waħda mill-partijiet fit-tilwima, għall-konċiljazzjoni.

6. Fil-każ tal-paragrafu (5), kummissjoni ta' konċiljazzjoni għandha tiġi mwaqqfa. Il-kummissjoni għandha ssir minn numru ugwali ta' membri maħtura minn kull parti konċernata jew, fejn il-partijiet fit-tilwima għandhom l-istess interess, minn chairperson magħżul mill-membri hekk maħtura. Il-kummissjoni għandha tagħti rakkomandazzjoni, li għandha tkun ikkunsidrata b'rieda tajba mill-partijiet fit-tilwima.

Artikolu 12

L-Anness

L-Anness għal dan il-Protokoll għandhu jagħmel parti intergrali minn dan il-Protokoll.

Artikolu 13

Emendi u aġġustamenti

1. Kull Parti tista' tipproponi emendi għal dan il-Protokoll. Kull Parti għall-Konvenzjoni tista' tipproponi aġġustament għall-Anness 2 ta' dan il-Protokoll sabiex iżżid ma' isimha, flimkien ma' livelli ta' emissjoni, limiti ta' emissjoni u riduzzjonijiet femissjoni perċentwali.

2. L-emendi proposti u l-aġġustamenti għandhom jingħataw bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni, li min-naħa tiegħu għandu jwassalhom lill-Partijiet kollha.

3. Emendi għal dan il-Protokoll, inkluż l-emendi għall-Annessi II sa IX, għandhom jiġu adottati b'konsensus tal-Partijiet preżenti f'sessjoni tal-Korp Eżekuttiv, u għandhom jidħlu fis-seħħ għal dawk il-Partijiet illi jkunu aċċettawhom fid-90-il ġurnata wara d-data minn meta żewġ terzi tal-Partijiet ikunu depożitaw mad-Depożitarju, l-istrumenti ta' aċċettazzjoni tagħhom. L-emendi jidħlu fis-seħħ għal xi Parti oħra fid-90-il ġurnata wara d-data li fiha l-Parti tkun depożitat l-istrument ta' l-aċċettazzjoni tagħha.

4. Emendi għall-Annessi ta' dan il-Protokoll, barra l-Annessi msemmija fil-paragrafu 3, għandhom jiġu addottati b'konsensus mill-Partijiet preżenti fsessjoni tal-Korp Eżekuttiv. Wara l-iskadenza ta' 90 ġurnata mid-data tal-komunikazzjoni tagħhom lill-Partijiet kollha mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni, u kemm-il darba mill-inqas 1 6-il Parti ma jkunux issottomettew din in-notifika, emenda għal dawn l-Annessi għandha ssir effettiva għal dawk il-Partijiet li ma sottomettewx notifika mad-Depożitarju skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (5).

▼M1

5. Kwalunkwe Parti li m'hix kapaċi tapprova emenda għal xi l-Anness, barra l-Anness imsemmi fil-paragrafu (3), għandha tin-notifika lid-Depositarju bil-miktub fi żmien 90 ġurnata mid-data tal-komunika ta' l-adozzjoni tagħha. Id-Depositarju għandu min-għajr dewmien jinnotifika lill-Partijiet b'dawk in-notifikazzjonijiet li jkun irċieva. Parti tista' meta trid tissostitwixxi aċċettazzjoni għan-notifika preċedenti tagħha u mad-depożitu ta' l-istrument ta' l-aċċettazzjoni mad-Depositarju, l-emendi għal dak l-Anness li jkunu effettivi għal dik il-Parti.

6. Aġġustamenti għall-Anness II għandhom jiġu addottati permezz ta' konsensus tal-Partijiet preżenti f'sessjoni tal-Korp Eżekuttiv u għandhom ikunu effettivi għall-Partijiet kollha ta' dan il-Protokoll fid-90 il-ġurnata wara d-data minn meta s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni jinnotifika bil-miktub lill-dawk il-Partijiet dwar l-addozzjoni ta' l-aġġustamenti.

Artikolu 14

Firma

1. Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-firem f'Gothenburg (l-Isvezja) fit-30 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 1999, u wara fil-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York sat-30 ta' Mejju 2000, mill-Istati Membri tal-Kummissjoni kif ukoll mill-Istati li għandhom status konsultattiv mall-Kummissjoni, skond il-paragrafu 8 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali numru 36 (IV) tat-28 ta' Marzu 1947, u mill-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali, kostitwiti mill-Istati sovrani tal-Kummissjoni, li għandhom kompetenza vis-a-vis in-negozjati, l-konklużjoni u l-applikazzjoni tal-ftehim internazzjonali fmaterja koperti b'dan il-Protokoll, kemm-il darba l-Istati u l-organizzazzjonijiet konċernati huma partijiet għal din il-Konvenzjoni u huma mniżżlin fil-lista fl-Anness II.

2. F'oqsma illi jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom, dawn l-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali, għandhom fisimhom stess jeżerċitaw id-drittijiet u r-responsabbilitajiet attribwiti lill-Istati membri tagħhom permezz ta' dan il-Protokoll. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri ta' dawn l-organizzazzjonijiet m'għandhomx ikunu intitolati li jeserċitaw dawn id-drittijiet fuq bażi individwali.

Artikolu 15

Ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni u adeżjoni

1. Dan il-Protokoll għandu jkun suġġett għar-ratifika, aċċettaz-zjoni jew approvazzjoni tal-Firmatarji.

2. Dan il-Protokoll għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni mill-31 ta' Mejju 2000 mill-Istati u organizzazzjonijiet illi jilħqu r-rekwiżiti meħtieġa skond l-Artikolu 14(1).

3. L-instrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni għandhom ikunu depożitati mad-Depositarju.

▼M1

Artikolu 16

Depositarju

Id-Depositarju għandu jkun is-Segretarju Generali tan-Nazzjonijiet Uniti.

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-90 ġurnata wara d-data minn meta s-16-il istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni jkun ġie depożitat mad-Depositarju.

2. Għal kull Stat jew organizzazzjoni illi jilħqu r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 14(1), illi jirratifika, jaċċetta jew japprova dan il-Protokoll inkella jimpenja ruħu għalih wara d-depożitar tas-16-il istrument tar-ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fid-90 jum wara d-depositar ta' l-istrument tar-ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni minn dik il-Parti.

Artikolu 18

Irtirar

Fi kwalunkwe mument wara li jgħaddu l-hames snin mid-data ta' meta jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll vis-a-vis Parti, dik il-Parti tista' tirtira billi tagħti notifika bil-miktub lid-Depositarju. Kull irtirar għandu jidħol fis-seħħ fid-90 ġurnata wara d-data minn meta jirċeviha d-Depożitarju, jew fġurnata aktar tard skond kif ikun speċifikat fin-notifika ta' l-irtirar.

Artikolu 19

Testijiet awtentiċi

L-oriġinal ta' dan il-Protokoll, ta' liema t-testijiet bl-Ingliż, bil-Franċiż u bir-Russu huma wkoll awtentiċi, għandhu jiġi depożitat mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.

B'XHIEDA TA' DAN dawk hawn taħt iffirmati, awtorizzati dejjem skond il-liġi sabiex jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Protokoll.

Magħmul fGothenburg (l-Isvezja), illum it-13 ta' Novembru, 1991.

▼M1

ANNESS I

PIŻIJIET KRITIĊI U LIVELLI

I. PIŻIJIET KRITIĊI TA' AĊIDITA

A. **Għal Partijiet illi jaqgħu fl-iskop ġeografiku tal-EMEP**

1. Piżijiet kritiċi (kif imfissra fl-Artikolu 1) ta' l-aċidita għall-ekosistemi huma determinati skond il-Manwal tal-Konvenzjoni dwar metodoloġiji u kriterja għal ippjantar tal-livelli/piżijiet kritiċi u żoni ġeografiċi fejn ikunu maqbuża. Huma l-ammont massimu ta' deposizzjoni aċiduża għal żmien twil, illi tiflaħ ekosistema mingħajr ma ssofri danni. Piżijiet kritiċi ta' aċidita in-kwantu għan-nitroġenu jieħdu kont tal-proċessi ta' tneħħija ta' nitroġenu f'ekosistema (eż. kemm il-pjanti jaqbdu malajr). Piżijiet kritiċi ta' aċidita in-kwantu għall-kubrit ma jieħdux kont ta' dan. Piż kombinat kritiku ta' aċidita in- kwantu għall-kubrit u nitroġenu jikkonsidraw biss in-nitroġenu meta d-depożitu tiegħu jkun akbar mill-proċessi ta' tneħħija ta' nitroġenu fl-ekosistema. Il-piżijiet kritiċi kollha rappurtati mill-Partijiet huma mfissra fil-qasir għall-użu fl-immudellar ta' stima integrata li tintuża bħala gwida meta jiġu stabbiliti l-limiti ta' emissjoni fl-Anness II.

B. **Għall-Partijiet fl-Amerika ta' Fuq**

2. Għal Kanada tal-Lvant, piżijiet kritiċi ta' kubrit u nitroġenu għall-ekosistemi fil-foresti ġew determinati minn metodoloġiji u kriterji xjentifiċi (Stima ta' xita aċiduża fil-Kanadiża 1997) simili għall-Manwal tal-Konvenjoni dwar metodoloġiji u kriterji għall-ippjantar tal-livelli/piżijiet kritiċi u żoni ġeografiċi fejn jiġu maqbuża. Il-valuri tal-piż kritiku ta' l-aċidita tal-Kanada tal-Lvant (kif imfissra fl-Artikolu 1) huma għall-sulfat fi preċipitazzjoni f'kg/ha/sena. Alberta fil-Kanada tal-Punent, fejn il-livelli ta' deposizzjoni bħalissa huma taħt il-limiti ambjentali, adottat is-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-piż kritiku ġeneriku li jintużaw għall-ħamrija fl-Ewropa f'kaz ta' potenzal ta' aċidita. Potenzal ta' aċidita hija mfissra billi tnaqqas it-total taż-żewġ (kemm imxarrba kif ukoll niexfa) deposizzjonijiet tal-bażi katjonika minn dak tal-kubrit u nitroġenu. Flimkien ma' dawn il-piżijiet kritiċi għall-potenzal ta' aċidita, Alberta stabbiliet kriterji u piżijiet ta' kontroll għall-kontroll ta' emissjonijiet aċidifikanti.

3. Għall-Istati Uniti tal-Amerika, l-effetti tal-aċidifikazzjoni huma evalwati skond stima tas-sensittivita ta' l-ekosistema, il-piż totali fl-ekosistemi tal-kompost aċidifikanti u l-inċertezza assoċjata mal-proċessi tat-tneħħija tan-nitroġenu fl-ekosistemi.

4. Il-piżijiet u l-effetti huma użati għall-immudellar ta' stima integrata u jipprovdu gwida għall-istabbiliment ta' limiti ta' emissjoni u/jew tnaqqis fil-Kanada u fl-Istati Uniti tal-Amerika fl-Anness II.

II. PIŻIJIET KRITIĊI TA' NITROĠENU NUTRIJENTI

Għall-Partijiet li jaqgħu fl-iskop ġeografiku tal-EMEP

5. Il-piżijiet kritiċi (kif imfissra fl-Artikolu 1) tan-nitroġenu nutrijenti ►C1 (ewtrofikazzjoni) ◄ għall-ekosistemi huma determinati skond il-Manwal tal-Konvenzjoni dwar metodoloġiji u kriterji għall-ippjantar tal-livelli/piżijiet kritiċi u żoni ġeografiċi fejn jiġu maqbuża. Huma l-ammont massimu ta' ►C1 deposizzjoni ta' nitroġenu ewtrofikanti li tiflaħ ekosistema ◄ għal terminu fit-tul mingħajr ma jirrizultaw danni. Il-piżijiet kritiċi kollha rappurtati mill-Partijiet huma mfissra fil-qasir għall-użu fl-immudellar ta' stima integrata li tintuża bħala gwida meta jiġu stabbiliti l-limiti ta' emissjoni fl-Anness II.

▼M1

III. LIVELLI KRITIĊI TA' OŻONU

A. **Għal Partijiet li jaqgħu fl-iskop ġeografiku tal-EMEP**

6. Il-livelli kritiċi (kif imfissra fl-Artikolu 1) ta' l-ożonu huma determinati sabiex jipproteġu l-pjanti skond il-Manwal tal-Konvenzjoni dwar metodoloġiji u kriterji għall-ippjantar tal-livelli/piżijiet kritiċi u żoni ġeografiċi fejn jiġu maqbuża. Huma espressi bħala esposizzjoni kumulattiva fuq livell ta' konċentrazzjoni ta' ożonu ta' 40 ppb (parts per billion bil-volum). Din l-indiċi ta' esposizzjoni tissejjaħ AOT40 (esposizzjoni akkumulata fuq threshold ta' 40 ppb). Il-AOT40 hija kalkolata bħala s-somma tad-differenzi bejn il-konċentrazzjoni kull siegħa (f ppb) u 40 ppb kull siegħa fejn il-konċentrazzjoni taqbeż l-40 ppb.

7. Il-livelli kritiċi fit-tul ta' ożonu għall-uċuħ tar-raba ta' AOT40 ta' 3 000 ppb. siegħat għal Mejju sa Ġunju (użati bħala staġun tipiku tat-tkabbir) u għas-siegħat ta dawl tax-xemx kienu wżati sabiex jiġu identifikati żoni li qegħdin taħt riskju fejn il-livelli kritiċi ġew maqbuża. Tnaqqis speċifiku ta skorriment kienu identifikati għall-immudellar ta stimi integrati għal dan il-Protokoll sabiex jipprovdu gwida għall-istabbiliment ta limiti ta emissjoni fl-Anness II. Il-livelli kritiċi fit-tul ta ożonu għall-uċuh tar-raba huma mittieħda wkoll in-konsiderazzjoni sabiex jipproteġu pjanti oħrajn bħal siġar u veġetazzjoni naturali. Aktar xogħol xjentifiku qiegħed jiġi magħmul sabiex tiġi żviluppata interpretazzjoni differenzali ta l-iskorriment għal-livelli kritiċi ta ożonu għall-veġetazzjoni.

8. Livell kritiku għall-ożonu għas-saħħa umana hija rappreżentata bil-Gwida tal-Kwalità ta' l-Arja tal-WHO għall-ożonu ta' 120 >ISO_7 >i >ISO_1 >g/m_3 bħala medja ta' tmien siegħat. B'kollaborazzjoni ma' l-Uffiċċju Reġjonali għall-Ewropa ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO/EURO), livell kritiku huwa espress bħala AOT60 (esposizzjoni kumulattiva fuq livell ta' 60 ppb), i.e. 120 >ISO_7>i>ISO_1>g/m_3, kalkulati fuq sena, kienu addottati bħala surroga għall-Gwida tal-Kwalità ta l-Arja tal-WHO għall-fini ta l-immudellar ta stima integrata. Din kienet ġiet użata sabiex ikunu identifikati żoni ta riskju fejn il-livelli kritiċi huma maqbuża. Tnaqqis speċifiku ta dawn l-livelli maqbuża kienu identifikati fil-mudell ta stima integrata għal dan il-Protokoll sabiex jipprovdu gwida għall-istabbiliment ta limiti ta emissjoni fl-Anness II.

B. **Għall-Partijiet tal-Amerika ta' Fuq**

9. Għall-Kanada, livelli kritiċi ta ożonu huma determinanti sabiex jipproteġu s-saħħa umana u l-ambjent u huma użati sabiex jistabbilixxu Standard tul il-Kanada għall-ożonu. Il-limiti ta emissjoni fl-Anness II huma mfissra skond il-livell ambizzjuż neċessarju sabiex jilħqu l-Istandard tul il-Kanada għall-ożonu

10. Għall-Istati Uniti ta l-Amerika, livelli kritiċi ta ożonu huma determinati sabiex jipproteġu s-saħħa umana b marġini adegwata ta sigurta, sabiex jipproteġu l-welfare pubbliku minn kwalunkwe effetti mhux mixtieqa magħrufa jew mistennija, waqt li huma użati sabiex jistabbilixxu l-Istandard tal-Kwalità ta l-Arja Ambjentali Nazzjonali għall-Ożonu. Mudell ta Stima integrata u l-Istandard tal-Kwalità ta l-Arja Ambjentali huma użati sabiex jipprovdu gwida għall-istabbiliment ta limiti ta emissjoni u/jew tnaqqis għall-Istati Uniti ta l-Amerika fl-Anness II.

▼M1

ANNES II

LIMITI TA' EMISSJONI

Il-limiti ta' emissjoni misjuba fit-tabelli hawn taħt jirrelataw mad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) u (10), ta' dan il-Protokoll. Il-livelli ta' emissjoni tal-1980u1990u t-tnaqqis perċentwali mniżżla fil-lista huma mogħtija għall-finijiet biss ta informazzjoni.

Tabella 1 Limiti ta' emissjoni għall-kubrit (elfta' tunnellati ta' SO_2 kull sena)

Parti	Livelli ta' Emissjoni		Limiti ta' Emissjoni 2010	Perċentaġġi fir-riduzzjonijiet ta' emissjoni għal 2010 (sena bażi 1990)
	1980	1990		
l-Armenja	141	73	73	0 %
l-Awstrija	400	91	39	– 57 %
il-Belarussja	740	637	480	– 25 %
Il-Belġju	828	372	106	– 72 %
Il-Bulgarija	2 050	2 008	856	– 57 %
Il-Kanada nazzjonali (a)	4 643	3 236		
PEMA (SOMA)	3 135	1 873		
Il-Kroazja	150	180	70	– 61 %
Ir-Republika Ċeka	2 257	1 876	283	– 85 %
Id-Danimarka	450	182	55	– 70 %
Il-Finlandja	584	260	116	– 55 %
Franza	3 208	1 269	400	– 68 %
Il-Ġermanja	7 514	5 313	550	– 90 %
Il-Greċja	400	509	546	7 %
L-Ungarija	1 633	1 010	550	– 46 %
L-Irlanda	222	178	42	– 76 %
L-Italja	3 757	1 651	500	– 70 %
Il-Latvija	—	119	107	– 10 %

(a) Mar-ratifika, aċċettazzjonijew approvazzjoni ta', jew adeżjoni għal dan il-Protokol, il-Kanada għandha tagħti limiti ta' emissjoni għal Kubrit, fuq livell nazzjonali jew għall-PEMA tagħha, u għandha tagħmel l-aħjar għalmu tagħha sabiex tipprovdi limiti għall-2010. Il-PEMA għall-kubrit hija iż-Żona ta' maniġġ għall-ossidi tal-kubrit (SOMA) li kienu nominati skond l-Anness III għal Pro-tokoll fuq Aktar Tnaqqis fl-Emissjonijiet ta' Kubrit addottata fOslo fl-14 ta' Ġunju 1994 bħas-SOMA tal-Lvant Nofsani. Din hija żona ta' miljun kilometru kwadru li tinkludi t-territorji kollha tal-provinċji tal-Gżejjer tal-Prinċep Edward, Nova Scotia u New Brunswick, it-territorju kollu tal-punt fejn il-konfini tal-Quebec-Ontario jiltaqgħu mall-kosta ta' James Bay, u t-territorji kollha tal-provinċja ta' nofsinhar tal-linja dritta fejn il-punt tal-konfini Ontario-Quebec jiltaqa' mall-kosta ta' James Bay u Nipigon Xmara ħdejn l-bajja tat-Tramuntana ta' Lake Superior.

▼**M1**

Parti	Livelli ta' Emissjoni		Limiti ta' Emissjoni 2010	Perċentaġġi fir-riduzzjonijiet ta' emissjoni għal 2010 (sena bażi 1990)
	1980	1990		
Il-Liechtenstein	0,39	0,15	0,11	– 27 %
Il-Litwanja	311	222	145	– 35 %
Il-Lussemburgu	24	15	4	– 73 %
L-Olanda	490	202	50	– 75 %
In-Norveġja	137	53	22	– 58 %
Il-Polonja	4 100	3 210	1 397	– 56 %
Il-Portugall	266	362	170	– 53 %
Ir-Repubblika tal-Moldova	308	265	135	– 49 %
Ir-Rumanija	1 055	1 311	918	– 30 %
Il-Federazzjoni Russa (a)	7 161	4 460		
PEMA	1 062	1 133	635	– 44 %
L-Islovakkja	780	543	110	– 80 %
L-Islovenja	235	194	27	– 86 %
Spanja (a)	2 959	2 182	774	– 65 %
L-Isvezja	491	119	67	– 44 %
L-Isvizzera	116	43	26	– 40 %
L-Ukrajna	3 849	2 782	1 457	– 48 %
Ir-Renju Unit	4 863	3 731	625	– 83 %
L-Istati Uniti ta' l-Amerika (b)				
Il-Komunita Ewropea	26 456	16 436	4 059	– 75 %

(a) Il-Figuri japplikaw għall-parti Ewropea fiż-żona tal-EMEP.

(b) Mar-ratifika, aċċettazzjonijew approvazzjoni ta'jew adeżjoni għal dan il-Protokol, l-Istati Uniti ta' l-Amerika għandhom jipprovdu għall-inklużjoni fdan l-Aness: (a) miżuri speċifiċi tat-tnaqqis fl-emissjoni applikabbli għall-ejgħun mobbli jew stazzjonarji tal-kubrit sabiex jiġu applikati jewnazzjonalment jew fil-PEMA jekkhija tat PEMA għall-kubrit għall-inklużjoni fl-Anness III; (b) valur għall-livelli ta' emissjoni tal-kubrit totali għall-1990, kemm nazzjonali jewgħall-PEMA; (ċ) valur indikattiv għall-kubrit totali livelli ta' emissjoni għall-2010, jewnazzjonali jewgħall-PEMA; u (d) estimi assoċjati tat-tnaqqis perċentwali fil-kubrit emissjonijiet. Punt (b) se jkun inkluż fit-tabella u punti (a), (ċ) u (d) se jkunu inklużi fin-nota fqiegħ il-paġna tat-tabella.

▼M1

Tabella 2 Limiti ta' emissjoni għall-ossidi tan-nitroġenu (eluf ta' tunnellati ta'NO_2 kull sena)

Parti	Livelli ta' emissjoni 1990	Livelli ta' emissjoni 2010	Tnaqqis ta' emissjoni perċentwali 2010 (sena bażi 1990)
L-Armenja	46	46	0 %
L-Awstrija	194	107	– 45 %
Il-Belarussja	285	255	– 11 %
Il-Belġju	339	181	– 47 %
Il-Bulgarija	361	266	– 26 %
Il-Kanada (a)	2 104		
Il-Kroazja	87	87	0 %
Ir-Repubblika Ċeka	742	286	– 61 %
Id-Danimarka	282	127	– 55 %
Il-Finlandja	300	170	– 43 %
Franza	1 882	860	– 54 %
Il-Ġermanja	2 693	1 081	– 60 %
Il-Greċja	343	344	0 %
L-Ungerija	238	198	– 17 %
L-Irlanda	115	65	– 43 %
L-Italja	1 938	1 000	– 48 %
Il-Latvija	93	84	– 10 %
Il-Liechtenstein	0,63	0,37	– 41 %
Il-Litwanja	158	110	– 30 %
Il-Lussemburgu	23	11	– 52 %
L-Olanda	580	266	– 54 %
In-Norveġja	218	156	– 28 %
Il-Polonja	1 280	879	– 31 %
Il-Portugall	348	260	– 25 %
Ir-Repubblika tal-Moldova	100	90	– 10 %
Ir-Rumanija	546	437	– 20 %
Il-Federazzjoni Russa (b)	3 600		
PEMA	360	265	– 26 %

(a) Mar-ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta', jew adeżjoni għal dan il-Protokoll, il-Kanada għandha tagħti l-livelli ta' emissjoni tal-1990 u l-limiti ta' l-emissjoni tal-2010 għall-ossidi tan-nitroġenu, kemm jekkfuq livell nazzjonali, jewgħall-PEMA tagħha għall-ossidi tan-nitroġenu, jekk tkun tat dan.

(b) Il-figuri japplikaw għall-parti Ewropea fiż-zona ta' l-EMEP.

▼**M1**

Parti	Livelli ta' emissjoni 1990	Livelli ta' emissjoni 2010	Tnaqqis ta' emissjoni perċentwali 2010 (sena bażi 1990)
L-Islovakkja	225	130	– 42 %
L-Islovenja	62	45	– 27 %
Spanja (a)	1 113	847	– 24 %
L-Isvezja	338	148	– 56 %
L-Isvizzera	166	79	– 52 %
L-Ukraina	1 888	1 222	– 35 %
Ir-Renju Unit	2 673	1 181	– 56 %
L-Istati Uniti tal-Amerika (b)			
Il-Komunita Ewropea	13 161	6 671	– 49 %

(a) Il-figuri japplikaw għall-parti Ewropea fiż-zona ta' l-EMEP.

(b) Mar-ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta', jew adeżjoni għal dan il-Protokoll, l-Istati Uniti ta'l-Amerika għandhom jipprovdu għall-inklużjoni ta' dan l-Anness: (a) miżuri ta' tnaqqis fl-emissjoni speċifiċi applikabbli għall-egħjun stazzjonarji jew mobbli tal-ossidi tan-nitroġenu li għandhom jiġu applikati fuq livell nazzjonali jew fil-PEMA jekk hija tkun tat PEMA għall-ossidi tan-nitroġenugħall-inklużjoni fl-Anness (b) valur għall-livelli ta' emissjoni ta' ossidi tan-nitroġenu stimati bħala total għall-1990, kemm nazzjonalment jewgħall-PEMA; (ċ) valur indikattiv għal-livelli ta' emissjoni ta'l-ossidi tan-nitroġenu għall-2010, kemm nazzjonali jewgħall-PEMA; u (d) estimi assoċjati tat-tnaqqis perċentwali fl-emissjoni tal-ossidi tan-nitroġenu. Punt (b) se jiġi nkluż mat-tabella u punti (a), (ċ) u (d) se jiġu inklużi fqiegħ il-paġna tat-tabella.

Tabella 3 Limiti ta' emissjoni għall-ammonja (eluf ta' tunnellati ta' NH_3 kull sena)

Parti	Livelli ta' emissjoni 1990	Limiti ta' emissjoni 2010	Tnaqqis ta' emissjoni perċentwali 2010 (sena bażi 1990)
L-Armenja	25	25	0 %
L-Awstrija	81	66	– 19 %
Il-Belarussja	219	158	– 28 %
Il-Belġju	107	74	– 31 %
Il-Bulgarija	144	108	– 25 %
Il-Kroazja	37	30	– 19 %
Ir-Repubblika Ċeka	156	101	– 35 %
Id-Danimarka	122	69	– 43 %
Il-Finlandja	35	31	– 11 %
Franza	814	780	– 4 %
Il-Ġermanja	764	550	– 28 %
Il-Greċja	80	73	– 9 %
L-Ungerija	124	90	– 27 %
L-Irlanda	126	116	– 8 %

▼**M1**

Parti	Livelli ta' emissjoni 1990	Limiti ta' emissjoni 2010	Tnaqqis ta' emissjoni perċentwali 2010 (sena bażi 1990)
L-Italja	466	419	– 10 %
Il-Latvija	44	44	0 %
Il-Liechtenstein	0,15	0,15	0 %
Il-Litwanja	84	84	0 %
Il-Lussemburgu	7	7	0 %
L-Olanda	226	128	– 43 %
In-Norveġja	23	23	0 %
Il-Polonja	508	468	– 8 %
Il-Portugall	98	108	10 %
Ir-Repubblika tal-Moldova	49	42	– 14 %
Ir-Rumanija	300	210	– 30 %
Il-Federazzjoni Russa (a)	1 191		
PEMA	61	49	– 20 %
L-Islovakkja	62	39	– 37 %
L-islovenja	24	20	– 17 %
Spanja (a)	351	353	1 %
L-Isvezja	61	57	– 7 %
L-Isvizzera	72	63	– 13 %
L-Ukrajna	729	592	– 19 %
Ir-Renju Unit	333	297	– 11 %
Il-Komunita Ewropea	3 671	3 129	– 15 %

(a) Il-Figuri japplikaw għall-parti Ewropea fiż-żona tal-EMEP.

Tabella 4 Limiti ta' emissjoni għat-taħlit organiku volatili (eluf ta' tunnellata ta' VOC kull sena)

Parti	Livelli ta' emissjoni 1990	Limiti ta' emissjoni 2010	Tnaqqis ta' emissjoni perċentwali 2010 (sena bażi 1990)
L-Armenja	81	81	0 %
L-Awstrija	351	159	– 55 %
Il-Belarussja	533	309	– 42 %
Il-Belġju	324	144	– 56 %
Il-Bulgarija	217	185	– 15 %

▼M1

Parti	Livelli ta' emissjoni 1990	Limiti ta' emissjoni 2010	Tnaqqis ta' emissjoni perċentwali 2010 (sena bażi 1990)
Il-Kanada ([a])	2 880		
Il-Kroazja	105	90	– 14 %
Ir-repubblika Ċeka	435	220	– 49 %
Id-Danimarka	178	85	– 52 %
Il-Finlandja	209	130	– 38 %
Franza	2 957	1 100	– 63 %
Il-Ġermanja	3 195	995	– 69 %
Il-Greċja	373	261	– 30 %
L-Ungerija	205	137	– 33 %
L-Irlanda	197	55	– 72 %
L-Italja	2 213	1 159	– 48 %
Il-Latvija	152	136	– 11 %
Il-Liechtenstein	1,56	0,86	– 45 %
Il-Litwanja	103	92	– 11 %
Il-Lussemburgu	20	9	– 55 %
L-Olanda	502	191	– 62 %
In-Norveġja	310	195	– 37 %
Il-Polonja	831	800	– 4 %
Il-Portugall	640	202	– 68 %
Ir-Repubblika tal-Moldova	157	100	– 36 %
Ir-Rumanija	616	523	– 15 %
Il-Federazzjoni Russa ([b])	3 566		
PEMA	203	165	– 19 %
L-Islovakkja	149	140	– 6 %
L-Islovenja	42	40	– 5 %
Spanja ([b])	1 094	669	– 39 %

([a]) Mar-ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta', jew adeżjoni għal dan il-Protokoll, il-Kanada għandha tagħti l-livelli ta' emissjoni tal-1990 u l-limiti ta' l-emissjoni tal-2010 għat-taħlit organiku volatili, kemm jekk fuq livell nazzjonali, jew għall-PEMA tagħha għall-ossidi tan-nitroġenu, jekk tkun tagħat dan.

([b]) Il-figuri japplikaw għall-parti Ewropea fiż-zona ta' l-EMEP.

▼**M1**

Parti	Livelli ta' emissjoni 1990	Limiti ta' emissjoni 2010	Tnaqqis ta' emissjoni perċentwali 2010 (sena bażi 1990)
L-Isvezja	526	241	– 54 %
L-Ivizzera	292	144	– 51 %
L-Ukrajna	1 369	797	– 42 %
Ir-Renju Unit	2 555	1 200	– 53 %
L-Istati Uniti ta' l-Amerika [a]			
Il-Komunita Ewropea	15 353	6 600	– 57 %

[a] Mar-ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni ta', jew adeżjoni għal dan il-Protokoll, l-Istati Uniti ta' l-Amerika għandhom jip-provdu għall-inklużjoni ta' dan l-Anness: (a) miżuri ta' tnaqqis fl-emissjoni speċifiċi applikabbli għall-egħjun stazzjonarji jew mobbli tat-taħlit organiku volatili li għandhom jiġu applikati fuq livell nazzjonali jew fil-PEMA jekk hija tkun tagħat PEMA għat-taħlit organiku volatili għall-inklużjoni fl-Anness III; (b) valur għall-livelli ta' emissjoni ta' taħlit organiku volatili stimati bħala total għall-1990, kemm nazzjonalment jew għall-PEMA; (ċ) valur indikattiv għall-livelli ta' emissjoni tat-taħlit organiku volatili għall-2010, kemm nazzjonali jew għall-PEMA; u (d) estimi assoċjati tat-tnaqqis perċentwali fl-emissjoni tat-taħlit organiku volatili. Punt (b) se jkun inkluż fit-tabella u punti (a), (ċ) u (d) se jkunu inklużi fnota fqiegħ il-paġna għat-tabella.

▼**M1**

ANNESS III

ŻONA NOMINATA GĦALL-KONTROLL TA' EMISSJONI TA' TNIĠĠIS (PEMA)

Il-PEMA li ġejjin huma mniżżla għall-iskop ta' dan il-Protokoll:

PEMA tal-Federazzjoni Russa

Din hija ż-żona ta' Murmansk oblast, ir-Repubblika ta' Karelia, Leningrad oblast (San Pietruburgu inkluż), Pskov oblast, Novgorod oblast u Kaliningrad oblast. Il-konfini ta PEMA jiltaqgħu mal-konfini ta l-Istat ma żoni amministrattivi ta dawn l-entitajiet kostitwenti tal-Federazzjoni Russa.

▼M1

ANNESS IV

VALURI TA' LIMITI GĦALL-EMISSJONIJIET TA' KUBRIT MINN EGĦJUN STAZZJONARJI

1. Taqsima A tapplika għall-Partijiet barra l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika, Taqsima B tapplika għall-Kanada u Taqsima Ċ tapplika għall-Istati Uniti ta' l-Amerika.

A. **Partijiet barra l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika**

2. Għall-iskop ta' Taqsima A, barra Tabella 2 u paragrafi (11) u (12), valur ta' limitu ifisser il-kwantita ta' sustanza ta gass li tkun tinsab fi skart ta gassijiet minn stallazzjoni li ma tistax tinqabeż. Jekk mhux speċifikat bil-maqlub, għandha tiġi kalkolata ai termini ta' massa ta' materniġġis ta' tm kull volum ta' skart ta' gass (espress bħala mg/m_3), bl-assumazzjoni ta' kondizzjoni *standard* għat-temperatura u pressjoni għall-gass niexef (volum ta' 273,15 K, 101,3 kPa). Fil-każ ta kontenut ta ossiġinu ta gass ta exhaust, il-valuri mogħtija fit-tabella hawn taħt għandhom japplikaw għal kull kategorija ta egħjun. Iż-żieda ta l-ilma għall-iskop ta tnaqqis fil-konċentrazzjoni ta materji ta' tniġġis fl-iskart ta' gass m'huwiex permess. Huma eskluži l-I *start-up, shutdown* u l-manteniment ta'l-istrumenti.

3. Emissjonijiet se jkunu kontrollati fil-każijiet kollha [1]. Konformità mal-valuri ta' limiti se jkunu verifikati. Il-metodi ta verifikazzjoni jinkludu miżuri kontinwi jew mhux kontinwi, approvazzjoni tat-tip, jew kwalunkwe metodu tajjeb ieħor ta teknika.

4. Ippruvar u analizzar ta' *pollutants,* kif ukoll metodi ta' riferenzi ta' kejl għall-kalibraġġ ta' sistemi ta' kejl, se jkunu magħmula skond l-i *standards* stabbiliti mill-Kumitat Ewropew għall-IStandardazzjoni (CEN) jew mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-IStandardazzjoni (ISO). Sakemm ikun hemm l-iżvilupp ta' CEN jew *standards* ta' ISO għandhom japplikaw l-i *standards* nazzjonali.

5. Kejl ta' emissjonijiet għandu isiru kontinwament meta l-emissjonijiet tas-SO_2 jaqbżu l-75 kg/h.

6. Fil-każ ta'kejlkontinwugħall-impjantiġodda, konformita ma' l-i *standards* ta' emissjoni hijamilħuqajekkil-valuri medjani kalkulati kull ġurnata ma jaqbżux il-valur ta limitu u jekk l-ebda valur ta kull siegħa ma jaqbeż il-valur ta limitu b 100 %.

7. Fil-każ ta' kejl kontinwu għall-impjanti eżistenti, konformità ma' l-i *standards* ta' emissjoni hija milħuqa jekk (a) l-ebda valur medju ta' kull xahar ma jaqbeż il-valuri ta' limitu; u (b) 97 % tal-valuri medji tat-48-is-siegħa ma taqbiżx il-110 % tal-valuri ta limitu.

8. Fil-każ ta' kejl mhux kontinwu, bħala rekwiżit minimu, konformità ma' l-i *standards* ta' emissjoni hija milħuqa jekk il-valur medju bażat fuq numru xieraq ta' kejl taħt kondizzjonijiet rappreżentattivi ma jaqbiżx il-valur ta' emissjoni *standard.*

9. *Boilers* u *heaters* tal-proċess b'input termali rateata li taqbeż il-50 Mwth:

[1] Kontroll għandha tinftiehem illi tfisser attivita kompleta, kompriż kejl ta' emissjonijiet, bilanċ tal-massa, eċċ. Tista' tiġi magħmula kontinwament jew mhux kontinwament.

▼**M1**

Tabella 1 Valuri ta' limiti għall-emissjonijiet ta' SO_x li jinħareġ mill-boilers [a]

	Input termali (MWth)	Valur ta' limitu [b] (mg SO_2/NM_3)	Alternattiv għas-solidi domestiċi effiċjenza fit-tneħħija ta' karburanti
Karburanti solidi u likwidi installazzjonijiet ġodda	50–100	850	90 % [d]
	100–300	850 -200 [c] (tnaqqis lineari)	92 % [d]
	> 300	200 [c]	95 % [d]

[a] Partikolarment, il-valuri ta' limitu m'għandhomx japplikaw għall-:
- impjanti fejn il-prodotti ta' kombustjoni huma użati għall-heating dirett, tnixxif, jew trattar ieħor ta' oġġetti
- materjali, eż. fran li jerġgħu jsaħħnu, fran għal trattatament bis-sħana,
- *post-combustion plants,* eż. kull apparat tekniku iddisinjat għall-purifikazzjoni ta' skart ta' gassijiet bil-kombustjoni li mhuwiex
- imħaddem, bħala impjant indipendenti ta' kombustjoni,
- faċilitajiet għar-riġenerazzjoni ta' *catalysts* li jagħmlu *l-catalytic cracking,*
- faċilitiajiet għall-konverżjoni *tal-hydrogen sulphide* fkubrit,
- reatturi użati fl-industrija kemikali,
- fran tal-coke *battery,*
- *cowpexs,*
- inċineraturi ta' l-iskart,
- impjanti imħaddma bid-diesel, petrol jew magni tal-gass jew turbini kombustivi, irrespettivament mill-karburanti użati.

[b] Ir-riferenza tal-kontenut ta' ħija 6 % għall-karburanti solidiu 3 % għall-oħrajn.

[c] Jekk installazzjoni tilħaq 300 mg/Nm_3 SO_2, tista' tkun eżenti mill-applikazzjoni ta' l-effiċjenza ta' tneħħija.

[d] 400 b'żejt karburanti tqil S < 0,25 %.

	Input termali (MWth)	Valur ta' limitu [a] (mg SO_2/NM_3)	Alternattiv għas-solidi domestiċi effiċjenza fit-tneħħija ta' karburanti
Karburanti solidi, installazz-jonijiet eżistenti	50-100	2 000	
	100-500	2 000-400 (tnaqqis lineari)	
	> 500	400	
	50-150		40 %
	150-500		40-90 % (żieda lineari)
	> 500		90 %
Karburanti likwidi, installazz-jonijiet eżistenti	50-300	1 700	
	300-500	1 700-400 (tnaqqis lineari)	
	> 500	400	
Karburanti gassiċi in-ġenerali, installaz-zjonijiet ġodda jew eżistenti		35	

▼**M1**

	Input termali (MWth)	Valur ta' limitu [a] (mg SO_2/NM_3)	Alternattiv għas-solidi domestiċi effiċjenza fit-tneħħija ta' karburanti
Gass illikwidifikat, installazz-jonijiet ġodda jew eżistenti		5	
Gassijiet b valur ta kaloriji baxxi (eż. gassifikazzjoni ta residwi ta raffineriji jew kombustjoni ta *coke oven gas)*		400 ġodda 800 eżistenti	
Gass *tal-Blast-furnace*		200 ġodda 800 eżistenti	
Impjanti ta kombust-joni ġodda fir-raffineriji (medja tal-instal-lazzjonijiet kollha ġodda tal-kombustjoni)	> 50 (kapaċita ta raffinar totali)	600	
Impjanti ta kombust-joni ezis-tenti fir-raffineriji (medja ta l-installazzjonijiet kollha eżis-tenti tal-kombustjoni)		1 000	

[a] Ir-riferenza tal-kontenut ta' O_2 hija 6 % għall-karburanti solidi u 3 % għall-oħrajn.

10. Gass taz-zejt (Gas oil):

Tabella 2 Valuri ta' limitu għall-emissjonijiet ta' NOx maħruġa minn turbini ta' kombustjoni onshore [a]

	Kontenut ta' kubrit (fil-mija skond il-piż)
Gas taż-żejt	< 0,2 wara l-1 ta' Lulju 2000 < 0,1 wara l-1 ta' Jannar 2008

[a] "Gas oi" l tfisser kull prodott ta' *petroleum* fil-HS 2 710, jew prodott ta' *petroleum* illi, minħabba il-limiti tad-distillazzjoni tiegħujaqgħu fil-kategorija ta' distillati medji maħsuba għall-użu bħala karburanti u li mill-inqas 85 % mill-volum tiegħu, inkludi t-telf ta' distillazzjoni, jiddistilla f'350 °C. Karburanti użati f'vetturi fit-triq u mhux fit-triq u *tractors* agrikoli huma esklużi minn din id-definizzjoni. *Gas oil* maħsub għall-użu marittimu huwa inkluż fid-definizzjoni jekk taqbel mad-deskrizzjoni mogħtija hawn fuq jew għandha viżkosita' jew densita' li taqa' fil-kategoriji tal-viskożita' jew densita' intiżi għall-użu marittimu f'Tabella I ta' ISO 8217 (1996).

11. Claus plant:

(a) rekuperu ta' kubrit ta' 99,5 % għal impjant ġdid;

(b) rekuperu ta kubrit ta' 97 % għal impjant eżistenti.

12. Produzzjoni ta' *titanium dioxide:* finstallazzjonijiet ġodda jew eżistenti, *discharges* konsegwenza ta' passi ta' diġestjoni u kalċinazzjoni fil-manifattura ta titanium dioxide għandu jiġi mnaqqas għal valur ta mhux aktar minn 10 kg ta' SO_2-ekwivalenti għal kull Mg ta' *titanium dioxide* prodott.

▼**M1**

B. **Il-Kanada**

13. Valuri ta limiti għall-kontroll ta emissjonijiet tad-diossidju tal-kubrit minn egħjun stazzjonarji ġodda fil-kategorija ta egħjun stazzjonarji kif ġejjin, se jkunu determinati a-bażi ta informazzjoni disponibbli dwar teknoloġija ta' kontrolli u livelli inkluż valuri ta' limitu applikati f pajjiżi oħra u d-dokumenti li ġejjin: Canada Gazette, Part I. Dipartiment ta l-Ambjent. Linji ta Gwida Nazzjonali għal Egħjun Stazzjonarji Ġodda. 15 ta' Mejju, 1993, pp. 1633-1638.

Ċ. **Stati Uniti tal-Amerika**

14. Valuri ta limitu għall-emissjonijiet ta kontroll ta diossidju tal-kubrit minn egħjun stazzjonarji ġodda fil-kategoriji ta egħjun stazzjonarji li ġejjin huma speċifikati fid-dokumenti li ġejjin:

(1) Electric Utility Steam Generating Units - 40 Kodiċi ta' Regolamenti Federali (C.F.R.) Parti 60, Subparti D, u Subparti Da;

(2) Steam Generating Units - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti Db, u Subparti Dc;

(3) Sulphuric Acid Plants - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti H;

(4) Petroleum Refineries - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti J;

(5) Primary Copper Smelters - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti P;

(6) Primary Zinc Smelters - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti Q;

(7) Primary Lead Smelters - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti R;

(8) Stationary Gas Turbines - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti GG;

(9) Onshore Natural Gas Processing - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti LLL;

(10) Municipal Waste Combustors - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti Ea, u Subparti Eb;

(11) Hospital/Medical/Infectious Waste Incinerators - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti Ec.

▼M1

ANNESS V

VALURI TA' LIMITU GĦALL-EMISSJONIJIET TA' OSSIDI TAN-NITROĠENU MINN EJGĦUN STAZZJONARJI

1. Taqsima A tapplika għall-Partijiet barra il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika, Taqsima B tapplika għall-Kanada u Taqsima Ċ tapplika għall-Istati Uniti tal-Amerika.

A. **Partijiet barra l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika**

2. Għall-iskop ta Taqsima A, il-valur ta limiti tfisser il-kwantita ta sustanza gassika li tinstab fl-iskart ta gass minn installazzjoni li ma tistax tinqabeż. Kemm-il darba mhux speċifikat diversament, hija għandha tiġi kalkolata għal termini ta massa ta materja ta tniġġis ta kull volum ta l-iskart ta gassijiet (expressi bħala mg/m_3), billi tassumi kondizzjonijiet *standard* għat-temperatura u pressjoni għall-gass niexef (volum ta' 273,15 K, 101,3 kPa). Għall-kontenut ta ossiġenu fil-gass tal-*exhaust,* il-valuri mogħtija mit-tabelli ta hawn taħt għal kull kategorija ta ejgħun għandhom japplikaw. Iż-żieda ta l-ilma sabiex jitnaqqsu l-konċentrazzjonijiet ta materji ta tniġġis fl-iskart tal-gassijiet m'hiex permessa. Valuri ta' limitu ġeneralment magħrufa bħala NO flimkien ma' NO_2, magħrufa aktar bħala NO_x, espressa bħala NO_2. *Start-up, shutdown* u manteniment ta' apparat huma esklużi.

3. L-emissjonijiet għandhom ikunu taħt kontroll fil-każijiet kollha ([1]). Konformità mall-valuri ta' limitu għandhom jiġu verifikati. Il-metodi ta verifikazzjoni jistgħu jinkludu miżuri kontinwi jew mhux kontinwi, approvazzjoni tat-tip, jew kwalunkwe metodu teknikament tajjeb.

4. It-teħid ta kampjuni u l-analizzar ta materji ta tniġġis, kif ukoll metodi ta kejl użati għar-riferenza sabiex jiġu kalibrati sistemi ta kejl, għandhom ikunu magħmula skond l-i *standards* stabbiliti mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) jew mill-Organizzazzjoni Internazzjonali ta l-Istandardizzazzjoni (ISO). Sakemm ikun hemm żvilupp fil-CEN jew l-i *standards* ta l-ISO, għandhom jgħoddu l-i *standards* nazzjonali.

5. Kejl ta' emissjonijiet għandhom jiġu magħmula kontinwament meta l-emissjonijiet ta' l-NO_x jaqbżu il-75 kg/h.

6. Fil-każ ta' kejl kontinwu, barra fil-każ ta' impjanti ta' kombustjoni diġa eżistenti li jidhru fit-Tabella 1, konformità ma l-i *standards* ta emissjoni tkun milħuqa jekk il-valuri medji kalkolati kuljum ma jaqbżux il-valur ta limitu u jekk ma hemmx valur bis-siegħa, jekk ma jaqbiżx il-valur ta limitu b 100 %.

7. Fil-każ ta' kejl kontinwu, għall-impjanti ta' kombustjoni diġa eżistenti li jidhru fit-Tabella 1, konformità ma' l-i *standards* ta' emissjoni tkun milħuqa jekk (a) l-ebda valur medju ta' kull xahar ma jaqbeż il-valuri ta' emissjoni; u (b) 95 % tal-valuri medji ta kull 48 siegħa ma jaqbiżx l-110 % tal-valuri ta limitu ta l-emissjoni.

8. F'każ ta' kejl mhux kontinwu, bħala rekwiżit minimu, konformità mal-i *standards* ta' emissjoni tkun milħuqa jekk il-valur medju bażat fuq numru xieraq ta kejl taħt kondizzjonijiet rappreżentattivi ma jaqbżux il-valur ta emissjoni *standard.*

9. *Boilers* u *process heaters* li għandhom imput termali rateata li taqbeż il-50 MWth:

([1]) Kontroll għandu jinftiehem bħala attivita' kumplessiva, li hi magħmula minn kejl ta' emissjonijiet, bilanċjar tal-massa, eċċ. Tista' tiġi mħaddma kontinwament jew mhux kontinwament.

▼**M1**

Tabella 1 Valuri ta' limitu għall-emissjonijiet ta' NO_x li joħroġ mill-boilers (a)

	Valurta' limitu (mg/Nm_3) (b)
Karburanti solidi, installazzjonijiet ġodda:	
— Boilers 50-100 MWth	400
— Boilers 100-300 MWth	300
— Boilers > 300 MWth	200
Karburanti solidi, installazzjonijiet eżistenti:	
— Ġeneralment solidi	650
— Solidi b inqas minn 10 % ta taħlit volatili	1 300

(a) Partikolarment, il-valuri ta' limitu m'għandhomx japplikaw għall-:
- impjanti li fihom il-prodotti ta' kombustjoni huma użati għall-sħana diretta, tnixxif, jew trattamenti oħra ta' oġġetti jew materjali, eż. *reheatingfurnaces,* fran għal trattament bis-sħana,
- impjanti ta' post-kombustjoni, eż. kull apparat tekniku disinjat sabiex jippurifika l-gassijiet ta' skart bil-kombustjoni li m'humiex imħaddma bħala impjanti ta' kombustjoni indipendenti,
- faċilitajiet ta' riġenerazzjoni ta' katalisti ta' *catalytic cracking catalysts,*
- faċilitajiet ta' konverżjoni ta' sulfat tal-idroġenu fkubrit,
- reatturi użati fl-industrija tal-kimika,
- *coke battery furnaces,*
- *cowpexs,*
- inċineraturi tal-iskart,
- impjanti mħaddma bid-diesel, petrol jew inġenji tal-gass jew turbini ta' kombustjoni, irrispettivamnet mill-karburant użat.

(b) Dawn il-valuri ma japplikawx għall-boilers li jaħdmu għal 500 siegħa fis-sena. Il-kontentut ta' riferenza ta' O2 huwa 6 % għall-karburanti solidiu 3 % għall-oħrajn.

	Valur ta' limitu (mg/Nm_3) (a)
Karburanti likwidi, installazzjonijiet ġodda:	
— Boilers 50-100 MWth	400
— Boilers 100-300 MWth	300
— Boilers > 300 MWth	200
Karburanti likwidi, installazzjonijiet ġodda	450
Karburanti gassiċi, installazzjonijiet ġodda:	
Karburanti: gass naturali	
— Boilers 50-300 MWth	150
— Boilers > 300 MWth	100
Karburanti: il-gassijiet l-oħra kollha	200
Karburanti gassiċi, installazzjonijiet eżistenti	350

(a) Dawn il-valuri ma japplikawx għall-boilers li jaħdmu għal 500 siegħa fis-sena. Il-kontentut ta' riferenza ta' O_2 huwa 6 % għall-karburanti solidiu 3 % għall-oħrajn.

▼**M1**

10. Turbini ta' kombustjoni li qegħdin fuq l-art b'input termali ratat li jaqbeż il-50 MWth: il-valuri ta' limiti espressi bħala mg/Nm_3 (b kontenut ta O2 ta 15 %) għandhom jkunu applikabbli għal turbini singoli. Il-valuri ta limitu li hemm fTabella 2 japplikaw biss fuq piżijiet 'il fuq mis-70 %.

Tabella 2 Valuri ta' limitu għall-emissjonijiet ta' NO_x maħruġa minn turbini ta' kombustjoni onshore

> 50 MWth (Input termali skond kondizzjonijiet ta'ISO)	Valur ta ' limitu (mg/Nm_3)
Installazzjonijiet ġodda, gass naturali ([a])	50 ([b])
Installazzjonijiet ġodda, karburanti likwidi ([c])	120
Installazzjonijiet eżistenti, kollha karburanti ([d])	
— Gass naturali	150
— Likwidi	200

([a]) Gass naturali huwa metanu li jeżisti naturali b'mhux aktar minn 20 % (bħala volum) ta' gassijiet li ma jiċċaqalqux u kostitwenti oħra.

([b]) 75 mg/Nm^3 jekk:

— turbini ta ' kombustjoni użati f sistemi ta ' sħana flimkien ma ' sistemi ta ' power, jew

— kumpressur li jaħdem fturbin ta' kombustjoni għall-fornitura ta' grid ta' gass għall-pubbliku.

Għal turbini ta' kombustjoni li ma jaqgħux fxi kategorija minn dawk hawn fuq indikati, imma li għandhom effiċjenza ta ' aktar minn 35 %, determinati għall-kondizzjonijiet ta ' piż bażiku skond l-ISO, il-valur ta ' limitu għandu jkun 50* n/35 fejn n hija l-effiċjenza tat-turbin ta' kombustjoni espressi bħala persentaġġ (u determinati skond kondizzjonijiet ta' piż bażiku).

([c]) Dan il-valur ta' limitu japplika biss għat-turbini ta' kombustjoni li jisparaw distillati ħfief u medji.

([d]) Il-valuri ta' limitu ma japplikawx għal turbini ta' kombustjoni li jaħdmu għal anqas minn 150 siegħa fis-sena.

11. *Prodotti tas-siment:*

Tabella 3 Valuri ta' limitu għall-emissjonijiet ta' NO_x li joħorġu minn prodotti tas-siment ([a])

	Valur ta' limitu (mg/Nm_3)
Installazzjonijiet ġodda (10 % O2)	
— Kilns niexfa	500
— Kilns oħra	800
Installazzjonijiet eżistenti (10 % O_2)	1 200

([a]) Installazzjonijiet użati għall-produzzjoni ta' clinker tas-siment fkilns li jduru u li għandhom kapaċita ta' > 500 mg/kull ġurnata jew fi fran oħra b' kapaċita > 50 Mg/kull ġurnata.

▼**M1**

12. *Magni stazzjonarji:*

Tabella 4 Valuri ta' limitu għall-emissjonijiet ta' NO_x maħruġa minn magni stazzjonarji ġodda

Kapaċita, metodi ta' teknika, *speàfkazzjoni ta'* karburanti	Valurta' limitu (a) *(a)(mg/Nm3)*
magni li jaqbdu bix-xrar (= Otto), 4-stroke, > 1 MWth	
— Lean-burn engines	250
— Makkinarji oħrajn	500
Compression ignition (= diesel) engines, > 5 MWth	
— karburant: gass naturali (jet ignition engines)	500
— karburant: żejt karburanti tqil	600
— karburant: diesel oil jew gas oil	500

(a) Dawn il-valuri ma japplikawx għall-magni li jaħdmu għal 500 siegħa fis-sena. Il-kontenut ta' riferenza tal-O_2 hija 5 %.

13. *Produzzjoni u pproċessar ta' metalli:*

Tabella 5 Valuri ta' limitu għall-emissjonijiet ta' NO_x maħruġa mill-produzzjoni ta' ħadid primarju u azzar (a)

Kapaċita', metodi ta ' teknika, *speċifkazzjoni ta'* karburanti	Valur ta' limitu (mg/Nm3)
Impjanti ta sinter ġodda u eżistenti	400

(a) Produzzjoni u proċessar ta ' metalli: installazzjonijiet ta ' *roasting* jew *sintering* ta ' minerali metalliċi, installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' *pig iron* jew azzar (fużjoni primarja jew sekondarja) inkluż il-casting kontinwu b'kapaċita li taqbeż il-2,5 Mg/fis-siegħa, installazzjonijiet għall-ipproċessar ta' metalli tal-ħadid (hot *rolling mills* > 20 Mg/kull siegħa ta' azzar mhux maħdum).

14. *Produzzjoni ta' aċidu nitriku:*

Tabella 6 Valuri ta' limitu għall-emissjonijiet ta' NO_x maħruġa mill-produzzjoni ta' aċidu nitriku minbarra l-units ta' konċentrazzjoni ta' aċidu

Kapaàta', metodi ta' teknika, *speċifikazzjoni ta'* karburanti,	*Valur ta' limitu (mg/Nm3)*
— Installazzjonijiet ġodda	350
— Installazzjonijiet eżistenti	450

▼**M1**

B. **Il-Kanada**

15. Valuri ta' limitu għall-kontroll ta' emissjonijiet mill-ossidi tan-nitroġenu (NO_x) minn egħjun stazzjonarji ġodda fil-kategoriji ta sorsi stazzjonarji se jkunu determinati a-bażi ta informazzjoni disponibbli fuq teknoloġija ta' kontroll u livelli inkluż il-valuri ta' limitu applikati fpajjiżi oħra u fid-dokumenti li ġejjin:

(a) Il-Kunsill Kanadiż tal-Ministri ta l-Ambjent (CCME). Linji ta Gwidi Nazzjonali dwar Emissjoni minn Turbini ta' Kombustjoni Stazzjonarji. Diċembru 1992. PN1072;

(b) Canada Gazette, Parti I. Dipartiment ta l-Amjent. Thermal Power Generation Emissions - Linji ta Gwidi Nazzjonali dwar Egħjun Stazzjonarji Ġodda. Mejju 15, 1993, pp. 1633-1638;

(ċ) CCME. Linji ta' Gwidi Nazzjonali dwar Emissjonijiet minn Kilns tas-Siment. Marzu 1998. PN1284.

Ċ. **Stati Uniti ta' l-Amerika**

16. Valuri ta' limitu għall-kontroll ta' emissjonijiet mill-NO_x minn egħjun stazzjonarji ġodda fil-kategoriji ta' sorsi stazzjonarji li ġejjin huma speċifikati mid-dokumenti li ġejjin:

(a) Coal-fired Utility Units - 40 Code of Federal Regulations (C.F.R.) Parti 76;

(b) Electric Utility Steam Generating Units - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti D, u Subparti Da;

(ċ) Steam Generating Units - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti Db;

(d) Nitric Acid Plants - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti G;

(e) Stationary Gas Turbines - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti GG;

(f) Municipal Waste Combustors - 40 C.F.R. Part 60, Subparti Ea, u Subparti Eb;

(g) Hospital/Medical/Infectious Waste Incinerators - 40 C.F.R. Parti 60, Subparti Ec.

▼M1

ANNESS VI

VALURI TA' LIMITU GĦALL-EMISSJONIJIET TA' TAĦLIT ORGANIKU VOLATILI MINN EGĦJUN STAZZJONARJI

1. Taqsima A tapplika għall-Partijiet barra il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika, Taqsima B tapplika għall-Kanada u Taqsima Ċ tapplika għall-Istati Uniti ta l-Amerika.

A. **Partijiet oħra barra l-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerika**

(i) Għall-attivitajiet li jużaw l-għażla ta' tnaqqis imsemmija fil-paragrafu (6)(a) ta' dan l-anness, il-pjan ta' kontroll ta solvent għandu jidħol fl-effett kull sena sabiex il-konsumazzjoni tkun determinata.

Konsumazzjoni tista' tiġi kalkulata permezz ta' dan l-equation:

$$C = I1 - O8$$

Eżerċizzju li jzomm l-istess linja għandu jsir ukoll sabiex ikunu determinati s-solidi użati fil-coating u b'hekk tkun tista' tiġi derivata r-riferenza ta'l-emissjoni annwali u l-kriterji ta' emissjoni kull sena;

(ii) sabiex issir stima ta' konformità mal-valur ta' limitu totali espress fl-emissjonijiet ta' solvent għalkull unit ta' prodott jew kif stabbilit fl-Anness, il-pjan ta' kontroll ta' solvent għandu jidħol fis-seħħ kull sena sabiex tkun tista tiġi determinata l-emissjoni ta NMVOCs. Emissjoni ta NMVOCs tista tiġi kalkolata permezz ta' l-equation li ġej:

$$E = F + O1$$

Fejn F hija l-emmisjoni maħruba ta' NMVOC kif imfissra f(b)(i) hawn taħt. Il-figura ta' emissjoni għandħa tiġi diviża bil-parametru ta' prodotti rilevanti;

(b) Determinazzjoni ta emissjoni maħruba ta NMVOCs sabiex tkun ikkumparata mal-valuri ta emissjoni maħruba fl-Anness:

(i) Metodoloġija: Emissjoni fuġittiva ta' NMVOCs tista' tiġi kalkolata bl-equation li ġej:

$$F = I1 - O1 - O5 - O6 - O7 - O8$$

or

$$F = O_2 + O3 + O4 + O9$$

Din il-kwantita tista tiġi determinata bil-kejl dirett tal-kwantitajiet. Alternattivament, kalkolazzjoni ekwivalenti tista tkun magħmula b mezzi oħra, bħal (eżempju) billi tintuza l-effiċjenza tal-qbid tal-proċess.

Il-valur ta emissjoni maħruba hija espressa bħala proporzjon ta'l-input, li tista tkun ikkalkolata permezz ta' l-equation li ġej:

$$I = I1 + I2$$

(ii) Frekwenza: Emissjoni ta' NMVOCs tista' tiġi kalkolata permezz ta' sett ta' kejl qasir izda komprensiv. Dan jista ma jerġax ikun magħmul sakemm l-apparat ikun modifikat.

▼M1

Anness II

SKEMI TA' TNAQQIS

Prinċipji

1. L-iskop ta l-iskema tat-tnaqqis huwa li tippermetti lill-operatur il-possibbilita illi jilħaq tnaqqis ta emissjoni b mezzi oħra, liema tnaqqis ikun ekwivalenti għal dak milħuq kieku kellhom jiġu applikati l-valuri ta limitu. Għal dan l-iskop, l-operatur jista juża skemi ta tnaqqis disinjati speċifikament għall-istallazzjoni tiegħu, kemm-il darba illi fl-aħħar mill-aħħar, jilħaq tnaqqis ta emissjoni ekwivalenti. Il-Partijiet għandhom jirrappurtaw il-progress għall-kisba ta dan it-tnaqqis ta emissjoni, li jinkludi esperjenzi fl-applikazzjoni ta l-iskema ta tnaqqis.

Prattika

2. L-iskemi li ġejjin għandhom jiġu wżati fl-applikar ta coatings, vernič, adessiv jew linka. Fejn m'huwiex xieraq, l-awtorita kompetenti tista tħalli operatur japplika kwalunkwe skema alternattiva ta eżenzjoni illi tilħaq il-prinċipji linejati hawnhekk. Id-disinn ta' l-iskema tieħu in-konsiderazzjoni l-fatturi li ġejjin:

   (a) fejn is-sostituti li fihom ikun jinsab ftit solvent jew xejn ikunu għadhom qedjiġu żviluppati, l-operatur għandu jingħata estenzjoni ta' żmien sabiex jimplimenta l-pjanijiet ta' tnaqqis ta' emissjoni;

   (b) il-punti ta riferenza għat-tnaqqis fl-emissjoni għandhom jikkorrispondu kemm jista jkun viċin ma l-emissjonijiet li kienu jirriżultaw kieku ma ġietx meħuda azzjoni ta tnaqqis.

3. L-iskemi li ġejjin għandhom joperaw għall-installazzjonijiet li minnhom jista jittiehed illi jkun hemm kontenut solidu kostanti ta prodott u użat sabiex jitfisser il-punt ta riferenza għat-tnaqqis ta l-emissjoni.

   (a) L-operatur għandu jagħti pjan ta tnaqqis fl-emissjoni illi tinkludi partikolarment it-tnaqqis fil-kontenut ta solvent medju fl-input totali u/jew iż-żieda fl-effiċjenza fl-użu ta solidi sabiex jilħqu tnaqqis fl-emissjonijiet totali mill-installazzjonijiet sa perċentwali magħrufa ta riferenza ta emissjonijiet annwali, magħrufa bħala kriterji ta' emissjonijiet. Dan għandu jsir fil-kwadru ta' żmien stabbilit kif ġej:

Perjodu ta' ħin		Emissjonijiet massimi annwali aċċettabbli
Installazzjonijiet ġodda	Installazzjonijiet eżistenti	
Sal-31.10.2001	Sal-31.10.2005	Kriterji ta' emissjonijiet aċċettabbli 1,5
Sal-31.10.2004	Sal-1.10.2007	Kriterji ta' emissjoni

   (b) L-emissjoni ta' riferenza annwali hija kalkolata kif ġej:

      (i) il-massa totali ta solidi fil-kwantita ta coating u/jew linka, vernič jew adessiv ikkunsmata f sena hija determinata. Solidi huma l-materjali kollha f coatings, linka, vernič u adessiv illi jsiru solidi meta jevapora l-ilma jew it-taħlit organiku volatili;

      (ii) ir-riferenza ta l-emissjonijiet annwali huma kalkolati bil-multiplikazzjoni tal-massa determinata fsubparagrafu (i) bil-fattur xieraq kif imniżżel fit-tabella hawn taħt. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirranġaw dawn il-fatturi għall-installazzjonijiet individwali sabiex jirreflettu l-effiċjenza miżjuda dokumentata fl-użu ta' solidi;

▼**M1**

Attivita'	Fattur ta' multiplikazzjoni għall-użu f'subparagrafu (b)(ii)
Stampar bir-rotogravure; stampar bil-flessikografija, laminar bħala parti mill-attivita ta l-istampar; stampar; vernić bħala parti mill-attivita ta l-istampar; coating ta l-injam; coating ta tessuti, drapp, film jew karta; coating ta adessiv	4
Coating tal-coil; rifinitura ta' vetturi	3
Coating ta' kuntatt mal-ikel; coating ta' spazju ta' l-ajru	2,33
Coatings oħra u stampar bir-rotary screen	1,5

(iii) il-kriterji ta emissjoni huma ugwali għall-emissjoni ta riferenza annwali multiplikata b persentaġġ ugwali għall:

— (valur ta' emissjoni maħruba + 15), għall-installazzjonijiet fis-setturi li ġejjin:

— coating ta' vetturi (konsum ta' solvent < 15 Mg/kull sena) u rifinitura ta' vetturi,

— metall, plastik, tessuti, drapp, film u coating tal-karti (konsum ta solvent bejn il-5 u l-15 Mg/kull sena),

— coating ta' uċuħ ta' l-injam (komsum ta' solvent bejn il-15 u l-25 Mg/kull sena),

— (Il-valur ta' emissjoni maħruba + 5) għall-installazzjonijiet oħra;

(iv) konformità hija milħuqa jekk l-emissjoni attwali ta' solvent determinat mill-pjan ta' kontroll ta' solvent hija inqas minn jew ugwali għall-kriterji ta emissjoni.

▼**M1**

L-ANNESS VII

***TIMESCALES* TAĦT L-ARTIKOLU 3**

1. *It-timescales* għall-applikazzjoni ta' valuri ta' limitu misjuba taħt l-Artikolu 3(2) u (3), għandhom ikunu:

   (a) għall-egħjun stazzjonarji ġodda, sena wara illi dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ għal dik il-Parti in kwestjoni;

   (b) għall-egjħun stazzjonarji eżistenti:

      (i) fil-każ ta xi Parti li m'hiex pajjiż b ekonomija transitorja, sena wara illi dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ jew il-31 ta' Diċembru 2007, liema l-aktar tard;

      (ii) fil-każ ta xi Parti li hija pajjiż b ekonomija transitorja, tmien snin wara illi dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ.

2. It-*timescales* għall-applikazzjoni ta valuri ta limitu għall-karburanti u sorsi mobbli ġodda msemmija fl-Artikolu 3(5), u l-valuri ta limitu għaż-żejt gassiku msemmi fl-Anness IV, Tabella 2, għandhom ikunu:

   (i) fil-każ ta xi Parti li m'hix pajjiż b ekonomija transitorja, d-data meta dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ jew id-dati assoċjati mal-miżuri speċifikati fl-Anness VIII u mal-valuri ta limitu speċifikati fl-Anness IV, Tabella 2, liema l-aktar tard, u

   (ii) fil-każ ta xi Parti li hija pajjiż b ekonomija transitorja, hames snin wara illi dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ jew hames snini wara.

   Dan it-timescale m għandux japplika għaż-żejt gassiku taħt il-Protokoll dwar Aktar Tanqqis fl-Emissjonijet ta Kubrit.

3. Għall-iskop ta' dan l-Anness, "pajjiż b'ekonomija transitorja" ifisser Parti li għamlet permezz ta' l-intrumenti tagħa ta ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, dikjarazzjoni illi hija tixtieq illi tkun trattata bħala pajjiż b ekonomija transitorja għall-finijiet tal-paragrafi (1) u/jew (2) ta dan l-Anness.

▼**M1**

L-ANNESS VIII

VALURI TA' LIMITU GĦALL-KARBURANTI U EGĦJUN MOBBLI ĠODDA

INTRODUZZJONI

1. Taqsima A tapplika għall-Partijiet barra il-Kanada u l-Istati Uniti ta l-Amerika, Taqsima B tapplika għall-Kanada u Taqsima Ċ tapplika għall-Istati Uniti ta l-Amerika.

2. L-Anness fih valuri ta limitu għall-NO_x, espress bħala ekwivalenti tad-dijossidu tan-nitroġenu (NO_2), u għall-hydrocarbons, li ħafnaminnhom humataħlit organiku volatili, kif ukollbħala speċifikazzjonijiet ambjentali għall-karburanti mqiegħda fis-suq għall-vetturi.

3. It-*timescales* sabiex jiġu applikati il-valuri ta limitu f dan l-Anness huma stabbiliti fl-Anness VII.

A. **Partijiet oħra li m'humiex il-Kanada u l-Istati Uniti ta' l-Amerika**

Karrozzi tal-passiġġieri u vetturi light-duty

4. Valuri ta limitu għal vetturi power-driven li għandhom mill-inqas erba roti u huma użati għat-traġitt ta passiġġieri (kategorija M) u merkanzija (kategorija N) huma mogħtija f Tabella 1.

Vetturi heavy-duty

5. Valuri ta limitu għal magni ta vetturi heavy-duty huma mogħtija f Tabelli2u3 skond il-proċeduri ta testjar applikabbli.

Muturi u mopeds

6. Valuri ta' limitu għal muturi u mopeds huma mogħtija f'Tabella 6 u Tabella 7.

Vetturi mhux tat-triq u makkinarji

7. Valuri ta limitu għal tractors agrikoli u tal-foresta u magni ta vetturi/makkinarji oħra m'humiex tat-triq huma mogħtija f'Tabelli 4 u 5. Stadju I (Tabella 4) hu bażat fuq Regolament 96 ta' l-ECE, "Disposizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-magni b compression-ignition (CI) li se jkunu installati fi tractors agrikoli u tal-foresta li għandhom x'jaqsmu ma' l-emissjonijiet ta' materji ta' tniġġis mill-magna."

▼M1

Kwalità ta' karburant

8. Speċifikazzjonijiet ta' kwalità' ambjentali ghall-petrol u diesel huma moghtija fTabelli 8 sa 11.

Tabella 1 Valuri ta' limitu ghall-karozzi tal-passiġġieri u karrozzi light-Auty

Kategorija		Klassi	Li għandha tkun applikata minn (b)	Massa ta' riferenza (RW) (kg)	Valuri ta' limitu								
					Carbon monoxide		Hydrocarbons		Ossidi tan-nitroġenu		Hydrocarbons u ossidi tan-nitroġenu kkombinati		Particulates (a)
					Ll (g/km)		L2 (g/km)		L3 (g/km)		L2 + L3 (g/km)		L4 (g/km)
					Petrol	diesel	Petrol	diesel	Petrol	diesel	Petrol	diesel	diesel
A	M (c)		ta' 1-1.1.2001	Kollha (g)	2,3	0,64	0,20	—	0,15	0,50	—	0,56	0,05
	Nl (d)	GĦ	ta'1-1.1.2001 (e)	RW = 1 305	2,3	0,64	0,20	—	0,15	0,50	—	0,56	0,05
		II	ta' 1-1.1.2002	1 305 < RW = 1 760	4,17	0,80	0,25	—	0,18	0,65	—	0,72	0,07
		III	ta' 1-1.1.2002	1 760 < RW	5,22	0,95	0,29	—	0,21	0,78	—	0,86	0,10
B	M (c)		ta' 1-1.1.2006	All	1,0	0,50	0,10	—	0,08	0,25	—	0,30	0,025
	Nl (d)	GĦ	ta'1-1.1.2006 (f)	RW = 1 305	1,0	0,50	0,10	—	0,08	0,25	—	0,30	0,025
		II	ta' 1-1.1.2007	1 305 < RW = 1 760	1,81	0,63	0,13	—	0,10	0,33	—	0,39	0,04
		III	ta' 1-1.1.2007	1 760 < RW	2,27	0,74	0,16	—	0,11	0,39	—	0,46	0,06

(a) Ir-reġistrazzjoni, bejgħ u d-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda li jonqsu milli jkunu konformi mall-valuri ta' limitu rispettivi għandhom ikunu rifjutati mid-dati moghtija fdin il-kolonna, bl-approvazzjoni tat-tip tista' ma tingħatax aktar b'effett minn 12-il xahar qabel dawn id-dati.
(b) Għal magni b'compression-ignition.
(c) Barra vetturi li 1-massa massima tagħhom ma taqbiżx 2 500 kg.
(d) Sal-1 ta' Jannar 2003 vetturi fdin il-kategorija li għandhom magni b'compression-ignition li m'humiex vetturi tat-triq u vetturi b'massa massima ta' aktar minn 2 000 kg li huma disinjati sabiex iġorru aktar minn sitt okkupanti, inkluż ix-xufier, għandhom ikunu kunsidrati bħala vetturi fkategorija Nl, klassi III, fil-kolonna A.
(e) U dawk il-vetturi ta' kategorija M speċifikati fin-nota (ċ).
(f) ta' 1-1.1.2002 għal dawk il-vetturi fkategorija M speċifikati fin-nota (ċ).
(g) ta' 1-1.1.2007 għal dawk il-vetturi fkategorija M speċifikati fin-nota (ċ).

▼M1

Tabella 2 Valuri ta' limitu għall-vetturi heavy-duty - "European steady-state cycle (ESC) u European load-response (ELR) tests"

	Li għandhom ikunu applikati minn (a)	Carbon mono-xide (g/kWh)	Hydrocarbons (g/kWh)	Nitrogen oxides (g/kWh)	Particulates (g/kWh)	Duħħan (m^{-1})
A	ta' l-1.10.2001	2,1	0,66	5,0	0,10/0,13 (b)	0,8
B1	ta l-1.10.2006	1,5	0,46	3,5	0,02	0,5
B2	ta l-1.10.2009	1,5	0,46	2,0	0,02	0,5

(a) B'effett mid-dati mogħtija u b'eċċezzjoni għal dawk il-vetturi u makkinarji intiżi għall-esportazzjoni għal pajjiżi li m'humiex Partijiet ta' dan il-Protokoll u għall-makkinarji ta' sostituzzjoni għall-vetturi li jintużaw, il-Partijiet għandhom jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ u d-dħul fis-servizz jew użu tal-vetturi ġodda generati b' compression-ignition jew makna tal-gass u l-bejgħ u l-użu ta' compression-ignition jew magni bil-gass ġoddajekk l-emissjonijiettagħhom maj ħarrsux il-valuri ta' limitu rispettivi. B'effett minn12-ilxahar qabel dawk id-dati, approvazzjoni tat-tip tista' tkun irrifjutata jekk il-valuri ta' limitu m'humiex imħarsa.

(b) Għal magni bi swept volume taħt il-0,75 dm^3 kull ċilindru u veloċita' ta' poter ratali 'il fuq minn 3 000 dawra sħiħa kull minuta.

Tabella 3 Valuri ta limitu għall-vetturi heavy-duty- European transient cycle (ETC) test (a) Li

	għandhom ikunu applikati minn (b)	Carbon monoxide (g/kWh)	Non-methane hydrocarbons (g/kWh)	Methane (c) (g/kWh)	Ossidi tan-nitroġenu (g/kWh)	Particulates (d) (g/kWh)
A (2000)	ta' l-1.10.2001	5,45	0,78	1,6	5,0	0,16/0,21 (e)
B1 (2005)	ta l-1.10.2006	4,0	0,55	1,1	3,5	0,03
B2 (2008)	ta l-1.10.2009	4,0	0,55	1,1	2,0	0,03

(a) Il-kondizzjonijiet sabiex tkun verifikata l-aċċettazzjoni tat-tests tal-ETC waqt il-kejl ta' emissjonijiet minn magni li l-karburant tagħhom huwa l-gass meta mqabbla mal-valuri ta' limitu applikabbli f rigla A għandhom ikunu ri-eżaminati u, fejn ikun hemm bżonn, notifikati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

(b) B'effett mid-dati mogħtija u barra dawk il-vetturi u magni intiżi għall-esportazzjoni għall-pajjiżi li m'humiex partijiet ta' dan il-Protokoll u għallbdil fil-magni għall-vetturi li qed jintużaw, il-Partijiet għandhom jipproj-bixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' vetturi ġodda immexxija b' compression-ignition jew magna tal-gass u l-bejgħ jew l-użu ta' magni ġodda b'compression-ignition jew magni tal-gass jekk l-emissjonijiet tagħhom ma jħarsux il-valuri ta' limitu rispettivi. B'effett minn 12-il xahar qabel dawn id-dati, approvazzjoni tat-tip tista' tkun rifjutata jekk ma jkunux mħarsa l-valuri ta' limitu.

(c) Għall-magni b'gass naturali biss.

(d) Mhux applikabbli għall-magni li l-karburant tagħhom huwa il-gass fi stadju A u stadji B1 u B2.

(e) Għall-magni li għandhom volum taħt il-0,75 dm^3 kull ċilindru u li għandhom veloċita' ta' poter ratata 'l fuq minn 3 000 rivoluzzjonijiet kull minuta.

Tabella 4 Valuri ta' limitu (stadju I) għall-magni li jaħdmu bid-diesel għall-makkinarji mobbli mhux tat-triq (proċedura ta' kejl ISO 8178)

Poter nett (P) (kW)	Għandhom ikunu applikati minn (a)	Carbon monoxide (g/kWh)	Hydrocarbons (g/kWh)	Ossidi tan-nitroġenu (g/kWh)	Materja partikkulari (g/kWh)
130 = P < 560	tal-31.12.1998	5,0	1,3	9,2	0,54
75 = P < 130	tal-31.12.1998	5,0	1,3	9,2	0,70
37 = P < 75	tal-31.3.1998	6,5	1,3	9,2	0,85

(a) B'effett mid-dati mogħtija u bl-eċċezzjoni tal-makkinarju u magni intiżi għall-esportazzjoni għall-pajjiżi li m'humiex partijiet ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jippermettu r-reġistrazzjoni, fejn hu applikabbli, u t-tpoġġija ta' magni ġodda fis-suq, kemmjekk huma installatijewjekk m'humiex f makkinarju, jekk jilħqu l-valuri ta' limitu mniżżla fit-Tabella. Approvazzjoni tat-tip għal tip ta' magna jew ġeneru ta' magna għandhom ikunu rifjutati b' effett mit-30 ta' Ġunju 1998 jekk jonqsu milli jilħqu l-valuri ta' limitu.

Nota: Dawn il-limiti huma limiti ta' engine-out u għandhom ikunu milħuqa qabel servizz ta' trattament ta' exhaust.

▼M1

Tabella 5 Valuri ta' limitu (stadju II) għall-magni li jaħdmu bid-diesel għall-makkinarju mobbli mhux tat-triq (proċedura ta' kejl ISO 8178)

Poter nett(P) (kW)	Għandhom jkun applikat minn (a)	Carbon monoxide (g/kWh)	Hydrocarbons (g/kWh)	Ossidi tan-nitroġenu (g/kWh)	Materja partikkulari (g/kWh)
130 = P < 560	tal-31.12.2001	3,5	1,0	6,0	0,2
75 = P < 130	tal-31.12.2002	5,0	1,0	6,0	0,3
37 = P < 75	tal-31.12.2003	5,0	1,3	7,0	0,4
18 = P < 37	tal-31.12.2000	5,5	1,5	8,0	0,8

(a) B' effett mid-dati mogħtija u bl-eċċezzjoni tal-makkinarju u magni intiżi għall-esportazzjoni għall-pajjiżi li m'humiex partijiet ta' dan il-Protokoll, il-Partijiet għandhom jippermettu r-reġistrazzjoni, fejn hu applikabbli, u t-tpoġġija ta' magni ġodda fis-suq, kemm jekkhuma installati jew jekk m'humiex fmakkinarju, jekk jilħqu l-valuri ta' limitu mniżżla fit-tabella. Approvazzjoni għat-tip ta' magna jew ġeneru ta' magna għandha tkun rifjutata b'effett minn 12-il xahar qabel dawn id-dati jekk jonqsu milli jilħqu l-valuri ta' limitu.

Tabella 6 Valuri ta' limitu għall-muturi u wheelers bi tlietajew b'erbgħa (> 50 cm^3; > 45 km/h) li għandhom ikunu applikati mis-17 ta' Ġunju 1999 (Approvazzjoni tat-tip għandha tkun rifjutata mid-data mogħtija jew l-emissjonijiet tal-vettura jekk jonqsu milli jilħqu l-valuri ta' limitu.) (a)

Tip ta' magna	Valuri ta' limitu
Two-stroke	CO = 8 g/km HC = 4 g/km NO_x = 0,1 g/km
Four-stroke	CO = 1 3 g/km HC = 3 g/km NO_x = 0,3 g/km

(a) Approvazzjoni tat-tip għandha tkun rifjutata mid-data mogħtija jew skond l-emissjonijiet tal-vettura jekk jonqsu milli jilħqu l-valuri ta' limitu.
Nota: Għal three-u four-wheelers, il-valuri ta' limitu għandhom ikunu multiplikati b' 1,5.

Tabella 7 Valuri ta' limitu għall-mopeds (< = 50 cm^3; < 45 km/h)

Stadju	Għandu jkun applikat minn (a)	Valuri ta' Limitu	
		CO (g/km)	HC + No_x (g/km)
I	tas-17.6.1999	6,0 (b)	3,0 (b)
II	tas-17.6.2002	1,0 (c)	1,2

(a) Approvazzjoni tat-tip għandha tkun rifjutata mid-dati mogħtija jekk l-emissjonijiet tal-vettura ma jilħqux il-valuri ta' limitu.
(b) Immultiplika bi tnejn għall-wheelers ta' bi tlieta jew b'erbgha.
(c) Għall-wheelers ta' bi tlieta jew erbgha, 3,5 g/km.

▼M1

Tabella 8 Speċifikazzjonijiet ambjentali għall-karburanti mqiegħda fis-suq li sejkunu użati għall-vetturi mgħammra b'magni ta' positive-ignition

Tip: Petrol

Parametri	Unit	Limiti [a]		Test	
		Minimu	Massimu	Metodu [c]	Data tal-Pubblikazz-joni
Numru ta octane ta riċerka		95	—	EN 25164	1993
Numru ta octane ta mutur		85	—	EN 25163	1993
Pressjoni ta reid vapour	kPa	—	60	EN 12	1993
Distillazzjoni:					
— Evapora mall-100 °C	% v/v	46	—	EN-ISO 3405	1988
— Evapora mall-150 °C	% v/v	75	—		
Analiżi ta Hydrocarbon:					
— olefins	% v/v	—	18,0 [d] ASTM	D1319	1995
— aromatics		—	42	ASTM D1319	1995
— benzene		—	1	PrEN 12177	1995
Kontenut ta ossiġenu	% m/m	—	2,7	EN 1601	1996
Oxygenates:					
— Methanol, għandu jiżdiedu b aġenti stabbilizzanti	% v/v	—	3	EN 1601	1996
— Ethanol, għandu jiżdiedu b aġenti stabbilizzanti	% v/v	—	5	EN 1601	1996
— Iso-propyl alcohol	% v/v	—	10	EN 1601	1996
— Tert-butyl alcohol	% v/v	—	7	EN 1601	1996
— Iso-butyl alcohol	% v/v	—	10	EN 1601	1996
— Eteri li fihom ħames jew izjed eteri gal kull mollekula	% v/v	—	15	EN 1601	1996
— Ossiġinanti oħra [e]	% v/v	—	10	EN 1601	1996

▼M1

Parametri	Unit	Limiti (a)		Test	
		Minimu	Massimu	Metodu (c)	Data tal-Pubblikazzjoni
Kontenut ta kubrit	mg/kg	—	150	PrEN-ISO/ DIS 14596	1996

(a) Il-valuri kwotati fl-ispeċifikazzjonijiet huma "true values". Sabiex ikunu stabbiliti l-valuri ta' limitu tagħhom, it-termini ISO 4259, "Petroleum products - Determination and application of precision data in relation to methods of test", ġew applikati u, sabiex ikun iffissat il-valur minimu, differenza minima ta' 2R fuq iż-żero ġiet meħuda in-konsiderazzjoni (R = reproduċibilita). Ir-riżultat tal-kejl individwali għandu jkun interpretat fuq bażi tal-kriterja deskritti fl-ISO 4259 (ippubblikata fl-1995).

(b) Il-perjodu tas-sajf għandu jibda' mhux aktartard mill-1 ta' Mejju u ma jispiċċax qabel it-30 ta' Settembru. Għall-Istati membri b'kondizzjonijiet arktiċi l-perjodu tas-sajf għandu jibda' mhux aktartard mill-1 ta' Ġunju u ma jispiċċax qabel il-31 ta' Awissu u l-RVP hija limitata għall-70 kPa.

(c) EN - Standard Ewropew ASTM - American Society for Testing and Materials; DIS - Draft International Standard.

(d) B'eċċezzjoni għall-petrol mingħajr ċomb (numru ta' octane tal-mutur minimu (MON) ta' 81 u numru ta' octane ta' riċerka minimu (RON) ta' 91), għal-liema l-kontenut ta' olefin massimu għandu jkun ta' 21 % v/v. Dawn il-limiti m'għandhomx jipprekludu l-introduzzjoni fis-suq ta' Stat Membru petrol ieħor mingħajr ċomb li għandu numri ta' octane inqas minn dawk mogħtija hawnhekk.

(e) Mono-alkoħoliċi oħra b'punt ta' distillazzjoni finali mhux aktar mill-punt ta' distillazzjoni finali mogħti fl-ispeċifikazzjonijiet nazzjonali jew, fejn dan ma jeżistix, fl-ispeċifikazzjonijiet industrijali għall-karburanti tal-muturi.

Nota: Il-Partijiet għandhom jassiguraw illi, mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar, 2000, il-petrol jista' jkun mqiegħed fis-suq biss fit-territorju tagħ-hom jekk jitharsu l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-ambjent kif mogħtija fit-Tabella 8. Fejn Parti tiddetermina illi jekk tipprojbixxi l-petrol b'kontenut ta' kubrit li ma jkunx iħares l-ispeċifikazzjonijiet tal-kontenut ta' kubrit fTabella 8, imma ma jeċċedix il-kontenut kurrenti, tista' toħloq dif-fikultajiet serji għall-industriji tagħha sabiex dawn jagħmlu l-bidliet neċessarji fil-faċilitajiet ta' fabbrikazzjoni sal-1 ta' Jannar 2000 u tista' iġġedded dan il-perjodu ta' żmien ta' tqegħid fis-suq fit-territorju tagħha sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2003. F' dan il-każ il-Parti għandha tispeċifika, permezz ta' dikjarazzjoni, illi għandha tkun depożitata flimkien ma' l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni u adeżjoni, illi hija għandha fil-ħsieb illi testendi dan il-perjodu ta' żmien u tipprezenta informazzjoni skritta fejn tagħti r-raġuni għal din l-estenzjoni lill-Korp Eżekuttiv.

Tabella 9 Speċifikazzjonijiet ambjentali għall-karburanti mqiegħda fis-suq li se jkunu użati għall-vetturi mgħammra b'magni ta' compression-ignition

Tip: Diesel karburanti

Parametru	Unit	Limiti (a)		Test	
		Minimu	Massimu	Metodu (b)	Data ta' pubblikazzjoni
Numru ta cetane		51	—	EN-ISO 5165	1992
Densita mall-15 °C	Kg/m^3	—	845	EN-ISO 3675	1995
Punt ta' distillazzjoni: 95 °C	°C	—	360	EN-ISO 3405	1988
Hydrocarbons aromatiċi poliċikliki	% m/m	—	11	IP 391	1995
Kontenut ta kubrit	mg/kg	—	350	Pr EN-ISO/ DIS 14596	1996

(a) Il-valuri kwotati fl-ispeċifikazzjonijiet huma "true values". Sabiex ikunu stabbiliti l-valuri ta' limitu tagħhom, it-termini ISO 4259, "Petroleum products - Determination and application of precision data in relation to methods of test", ġew applikati u, sabiex ikun iffissat il-valur minimu, differenza minima ta' 2R fuq iż-żero ġiet meħuda in-konsiderazzjoni (R = reproduċibilita). Ir-riżultat tal-kejl individwali għandu jkun interpretat fuq bażi tal-kriterja deskritti fl-ISO 4259 (ippubblikata fl-1995).

(b) EN - Standard Ewropew; IP - of Petroleum; DIS - Draft International Standard.

Nota: Il-Partijiet għandhom jassigurawilli, mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar, 2000, id-diesel fuel jista'jitqiegħed fis-suq biss fit-territorju tagħhom jekk jitħarsu l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-ambjent kif mogħtija fit-Tabella 9. Fejn Parti tiddetermina illi jekk tipprojbixxi d-diesel fuel b'kontenut ta' kubrit li ma jkunx iħares l-ispeċifikazzjonijiet tal-kontenut ta' kubrit fTabella 9, imma ma jeċċedix il-kontenut kurrenti, tista' toħloq dif-fikultajiet serji għall-industriji tagħha sabiex dawn jagħmlu l-bidliet neċessarji fil-faċilitajiet ta' fabbrikazzjoni sal-1 ta' Jannar 2000 u tista' iġġedded dan il-perjodu ta' żmien ta' tqegħid fis-suq fit-territorju tagħha sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2003. F' dan il-każ il-Parti għandha tispeċifika, permezz ta' dikjarazzjoni, illi għandha tkun depożitata flimkien ma' l-instrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni u adeżjoni, illi hija għandha fil-ħsieb illi testendi dan il-perjodu ta' żmien u tipprezenta informazzjoni skritta fejn tagħti r-raġuni għal din l-estenzjoni lill-Korp Eżekuttiv.

▼**M1**

Tabella 10 Speċifikazzjonijiet ambjentali għall-karburanti mqiegħda fis-suq li se jkunu użati għall-vetturi mgħammra b'magni ta' compression-ignition

Tip: Petrol

Parametru	Unit	Limiti (a)		Test	
		Minimu	Massimu	Metodu (b)	Data ta' pubblikazzjoni
Numru ta cetane		95		EN 25164	1993
Numru ta octane ta mutur		85		EN 25163	1993
Pressjoni ta reid vapour, perjodu tas-sajf	kPa	—			
Distillazzjoni:					
— Evapora mall-100 °C	% v/v	—	—		
— Evapora mall-150 °C	% v/v	—	—		
Analiżi ta Hydrocarbon:					
— olefins	% v/v	—			
— aromatics	% v/v	—	35	ASTM D1319	1995
— benzene	% v/v	—			
Kontenut ta ossiġenu	% m/m	—			
Kontenut ta kubrit	mg/kg	—	50	PrEN-ISO/ DIS 14596	1996

(a) Il-valuri kwotati fl-ispeċifikazzjonijiet huma "true values". Sabiex ikunu stabbiliti l-valuri ta' limitu tagħhom, it-termini ISO 4259, "Petroleum products - Determination and application of precision data in relation to methods of test", ġew applikati u, sabiex ikun iffissat il-valur minimu, differenza minima ta' 2R fuq iż-żero ġiet meħuda in-konsiderazzjoni (R = reproduċibilita). Ir-riżultat tal-kejl individwali għandu jkun interpretat fuq bażi tal-kriterja deskritti fl-ISO 4259 (ippubblikata fl-1995).

(b) EN - Standard Ewropew IP - of Petroleum; DIS - Draft International Standard.

Nota: Il-Partijiet għandhom jassiguraw illi, mhux aktartard mill-1 ta' Jannar, 2000, id-diesel fuel jista'jitqiegħed fis-suq biss fit-territorju tagħhom jekk ikunu mharsa l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-ambjent kif mogħtija fit-Tabella 9. Fejn Parti tiddetermina illi jekk tipprojbixxi d-diesel fuel b'kontenut ta' kubrit li ma jkunx iħares l-ispeċifikazzjonijiet tal-kontenut ta' kubrit fTabella 9, imma ma jeċċedix il-kontenut kurrenti, tista' tohloq diffikultajiet serji għall-industriji tagħha sabiex dawn jagħmlu l-bidliet neċessarji fil-faċilitajiet ta' fabbrikazzjoni sal-1 ta' Jannar 2000 u tista' iġġedded dan il-perjodu ta' żmien ta' tqegħid fis-suq fit-territorju tagħha sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2003. F'dan il-każ il-Parti għandha tispeċifika, permezz ta' dikjarazzjoni illi għandha tkun depożitata flimkien ma'l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni u adeżjoni, illi hija għandha fil-ħsieb illi testendi dan il-perjodu ta' żmien u tipprezenta informazzjoni skritta fejn tagħti r-raġuni għal din l-estenzjoni lill-Korp Eżekuttiv.

▼**M1**

Tabella 11 Speċifikazzjonijiet ambjentali għall-karburanti mqiegħda fis-suq li se jkunu użati għall-vetturi mgħammra b'magni ta' compression-ignition

Tip: Diesel karburanti

Parametru	Unit	Limiti (a)		Test	
		Minimu	Massimu	Metodu (b)	Data ta' pubblikazzjoni
Numru ta cetane			—		
Densita mall-15 °C	kg/m^3		—		
Punt ta distillazzjoni: 95 °C	°C	—			
Hydrocarbons aromatiċi poliċikliki	% m/m	—			
Kontenut ta kubrit	mg/kg	—	50	PrEN-ISO/ DIS 14596	1996

(a) Il-valuri kwotati fl-ispeċifikazzjonijiet huma "true values". Sabiex ikunu stabbiliti l-valuri ta' limitu tagħhom, it-termini ISO 4259, "Petroleum products - Determination and application of precision data in relation to methods of test", ġew applikati u, sabiex ikun iffissat il-valur minimu, differenza minima ta' 2R fuq iż-żero ġiet meħuda in-konsiderazzjoni (R = reproduċibilita). Ir-riżultat tal-kejl individwali għandu jkun interpretat fuq bażi tal-kriterja deskritti fl-ISO 4259.

(b) EN - Standard Ewropew; DIS - Draft International Standard.

Nota: Il-Partijiet għandhom jassigurawilli, mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2005, id-diesel fuel jista'jitqiegħed fis-suq biss fit-territorju tagħhom jekk iħares l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-ambjent kif mogħtija fit-Tabella 9. Fejn Parti tiddetermina illi jekk tipprojbixxi d-diesel fuel b'kontenut ta' kubrit li ma jkunx iħares l-ispeċifikazzjonijiet tal-kontenut ta' kubrit fTabella 11, imma jkun iħares l-ispeċifikazzjonijiet taħt Tabella 9, tista' toħloq diffikultajiet serji għall-industriji tagħha sabiex dawn jagħmlu l-bidliet neċessarji fil-faċilitajiet ta' fabbrikazzjoni sal-1 ta' Jannar 2005 u tista' iġġedded dan il-perjodu ta' żmien ta' tqegħid fis-suq fit-territorju tagħha sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2007. F'dan il-każ il-Parti għandha tispeċifika, permezz ta' dikjarazzjoni illi għandha tkun depożitata flimkien ma' l-istrument ta' ratifika, aċċetazzjoni, approvazzjoni u adeżjoni, illi hija għandha fil-ħsieb illi testendi dan il-perjodu ta' żmien u tipprezenta informazzjoni skritta fejn tagħti r-raġuni għall-din l-estenzjoni lill-Korp Eżekuttiv.

B. **Il-Kanada**

9. Livelli ta emissjoni għal vetturi light-duty, trakkijiet light-duty, vetturi heavy-duty, magni heavy-duty u muturi: Motor Vehicle Safety Act (u leġsilazzjoni suċċessorja), Skeda V tal-Motor Vehicle Safety Regulations: Vehicle Emissions (Standard 1100), SOR/97-376, (28 ta' Lulju, 1997), kif emendata minn żmien għal żmien.

10. Canadian, SOR/97-110 (4 ta' Frar 1997, kubrit fdiesel karburanti), kif emendata minn żmien għal żmien.

11. Canadian Act, Benzene in Gasoline Regulations, SOR/97-493 (6 ta' Novembru 1997), kif emendata minn żmien għal żmien.

12. Canadian Act, Sulphur in Gasoline Regulations, Gazette, Parti II, Ġunju 4 1999, kif emendata minn żmien għal żmien.

Ċ. **Stati Uniti ta' l-Amerika**

13. Implimentazzjoni ta programm ta kontroll għall-egħjun ta emissjoni mobbli għal vetturi light-duty, trakkijiet light-duty, vetturi heavy-duty u karburanti għal-limitu rikjest skondtaqsima 202(a), 202(g) u 202(h) tal- Clean Air Act, kif implimentata bil-:

(a) 40 Code of Federal Regulations (C.F.R.) Parti 80, Subparti D - Reformulated Gasoline;

▼**M1**

(b) 40 C.F.R. Parti 86, Subparti A - General for Emission Regulations;

(c) 40 C.F.R. Parti 80, Taqsima 80.29 - Controls and Prohibitions on Quality.

▼M1

L-ANNESS IX

MIŻURI GHALL-KONTROLLL TA' EMISSJONIJIET TA' AMMONJA MINN EJGHUN AGRIKOLI

1. Il-Partijiet li huma soġġetti għall-obbligazzjonijiet ta' l-Artikolu 3(8)(a), għandhom jieħdu l-miżuri kif elenkati fl-Anness.

2. Kull Parti għandha tieħu konsiderazzjoni tal-bżonn li tnaqqas it-telf miċ-ċiklu kollu tan-nitroġenu.

A. **Kodiċi ta' konsultanza għal prattika agrikola tajba**

3. Fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ ta dan il-Protokoll, Parti A għandha tistabbilixxi, tippubblika u tiddissemina kodiċi ta pariri għall-prattiċi agrikoli tajbin għaliha sabiex tikkontrolla l-emissjonijiet ta ammonja. Il-kodiċi għandhom jieħdu kont ta kondizzjonijiet speċifiċi fl-ambitu tat-territorju tal-Parti u għandhom jinkludu disposizzjonijiet dwar:

   — amministrazzjoni ta nitroġenu, waqt li jieħdu in-konsiderazzjoni ċ-ċiklu kollu tan-nitroġenu,

   — strateġiji ta ikel għal-livestock,

   — metodi ta teknika ta tifrix ta demel li għandu emissjoni baxxa,

   — sistemi ta ħażna ta demel li għandhom emissjoni baxxa,

   — sistemi ta alloġġar ta annimali li għandhom emissjoni baxxa,

   — possibilitajiet li jillimitaw l-emissjonijiet ta ammonja mill-użu ta fertilizzanti minerali.

   Partijiet għandhom jaħarbu milli jagħtu titolu lill-kodiċi bl-intenzjoni illi jevitaw konfużjoni ma kodiċi oħra ta gwida.

B. **Fertilizzanti magħmula minn urea u ammonium carbonate**

4. Fi żmien sena minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll għaliha, Parti għandha tieħu dawk il-passi neċessarji sabiex tillimita l-emissjonijiet ta ammonja mill-użu ta fertilizzanti solidi bażati fuq l-urea.

5. Fi żmien sena minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll għaliha, Parti għandha tipprojbixxi l-użu tal-fertilizzanti magħmula mill-ammonium carbonate.

Ċ. **Applikazzjoni ta' demel**

6. Kull Parti għandha tara illi tintuza l-applikazzjoni ta metodi ta teknika ta slurry b emissjoni baxxa (kif imniżżla fid-dokument ta' gwida V adottata mill-Korp Eżekuttiv fis-sbatax is-sessjoni tagħha (Deċiżjoni 1999/1) u kwalunkwe emenda għaliha) illi jkunu wrew illi jnaqqsu l-emissjonijiet b mill-inqas 30 % meta kumparati mar-riferenza speċifikata f dak id-dokument ta gwida, kemm-il darba dik il-Parti tikkunsidrahom bħala applikabbli, wara li tieħu in-konsiderazzjoni l-ħamrija lokali u l-kondizzjonijiet geomorfoloġiċi, it-tip ta slurry u l-istruttura ta l-irziezet. It-*timescales* għall-applikazzjoni ta dawn il-miżuri għandhom ikunu: il-31 ta Diċembru 2009 għall-Partijiet b'ekonomiji transitorji u l-31 ta' Diċembru għall-Partijiet l-oħra ([1]).

7. Fi żmien sena minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll għaliha, Parti għandha tassigura illi d-demel solidu applikat fuq art li se tkun maħduma huwa applikat fi żmien mill-inqas 24 siegħa mit-tifrix, kemm-il darba dik il-Parti tikkunsidrahom bħala applikabbli, wara illi tieħu in-konsiderazzjoni il-ħamrija lokali u l-kondizzjonijiet geomorfoloġiċi u l-istruttura ta l-irziezet.

([1]) Għall-iskop ta' dan l-Anness "pajjiż b'ekonomija fi transizzjoni" tfisser Parti li permezz ta' l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni għamlet dikjarazzjoni illi tixtieq li titqies bħala pajjiż li għandu ekonomija fi transizzjoni għall-finijiet tal-paragrafi (6) u/jew (9) ta' dan l-Anness.

▼M1

D. **Ħażna ta' demel**

8. Fi żmien sena minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll għaliha, Parti għandha tuża għall-imħażen ta slurry ġodda firziezet kbar tal-ħnieżer u tajr ta' 2 000 ħanżir tas-simna jew 750 ħnieżer nisa jew 40 000 tajr, sistemi ta ħażna b emissjoni baxxa jew metodi ta teknika illi wrew illi jnaqqsu l-emissjonijiet b 40 % jew aktar meta kumparati mar-riferenza (kif imniżżla fid-dokument ta' gwida kif imsemmi fil-paragrafu (6)), jew sistemi oħra jew metodi ta' teknika b'effiċjenza ekwivalenti viżibbli ([1]).

9. Għall-imħażen diġa eżistenti ta' slurry firziezet kbar tal-ħnieżer u tajr ta' 2 000 ħanżirtas-simnajew 750 ħnieżer nisa jew 40 000 tajr, Parti għandha tikseb tnaqqis fl-emissjoni ta 40 % kemm-il darba l-Parti tikkonsidra li l-metodi ta' teknika neċessarji huma teknikament u ekonomikament vjabbli ([1]). *It-timescales* għall-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri għandhom ikunu: l-31 ta' Diċembru 2009 għall-Partijiet b'ekonomiji transitorji u l-31 ta' Diċembru 2007 għall-Partijiet l-oħra ([2]).

E. **Alloġġar ta' annimali**

10. Fi żmien sena minn meta jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll għaliha, Parti għandha tuża għall-alloġġar ġdid ta annimali firziezet kbartal-ħnieżer u tajrta' 2 000 ħanżirtas-simnajew 750 ħnieżer nisajew 40 000 tajr, sistemi ta' alloġġar li jkunu wrew tnaqqis fl-emissjonijiet ta' 20 % jew iktar meta komparati mar-riferenza (kif imniżżla fid-dokument ta' gwida kif imsemmi fil-paragrafu (6)), jew sistemi oħra jew metodi ta' teknika b'effiċjenza ekwivalenti viżibbli ([2]). L-applikabilita tista tkun limitata għar-raġunijiet ta welfare ta l-annimali – eżempju fsistemi bażati fuq it-tiben, għall-ħnieżer u guvi u sistemi free-range għat-tajr.

([1]) Fejn Parti tiġġudika li sistemi oħra jew metodi ta' teknika oħra b'effiċjenza ekwivalenti viżibbli tista' tkun użata għall-ħażna ta' demel u alloġġar ta' annimali sabiex jitħarsu l-paragrafi (8) u (10), jew fejn Parti tiġġudika li t-tnaqqis fl-emissjonijiet mill-ħażna tad-demel rikjesta taħt paragrafu (9) m'huwiex teknikament jew ekonomikament vjabbli, għandu jkun hemm rappurtar ta' dokumentazzjoni għal dan il-għan skond l-Artikolu (7)(1)(a).

([2]) Għall-iskop ta' dan l-Anness "pajjiż b'ekonomija fi transizzjoni" tfisser Parti li permezz ta' l-istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni għamlet dikjarazzjoni illi tixtieq li titqies bħala pajjiż li għandu ekonomija fi transizzjoni għall-finijiet tal-paragrafi (6) u/jew (9) ta' dan l-Anness